

# Programm ta' Ħidma 2011

*Naħdmu għall-użu mingħajr  
periklu tas-sustanzi kimiċi  
fi-UE*



**ECHA**

## **AVVIŻ LEGALI**

L-opinjoniġiet jew pożizzjonijiet espressi f'dan il-Programm ta' Ħidma mhux neċessarjament jirrappreżentaw f'termini legali l-pożizzjoni uffiċjali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma tassumi l-ebda responsabbiltà jew obbligu għal kwalunkwe żball jew ineżattezza li jistgħu jidhru.

### **ĠAĦDA TA' REPONSABBILTÀ**

Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

**Referenza tal-ECHA:** ECHA-10-A-02-MT  
MB/63/2010 finali

**Data:** 29/09/2009; Reviżjoni 17/12/2010

**Lingwa:** MT

## **Werrej**

### **Lista ta' Akronimi**

### **Introduzzjoni**

### **Sfidi u prijoritajiet tal-ECHA għall-2011**

#### **1. L-implimentazzjoni tal-proċessi ta' REACH u CLP**

Attività 1: Reġistrazzjoni, prereġistrazzjoni u kondiviżjoni ta' dejta

Attività 2: Evalwazzjoni

Attività 3: Awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet

Attività 4: Klassifikazzjoni u tikkettar

Attività 5: Pariri u għajnuna permezz ta' gwida u ħelpdesk

Attività 6: Għodod xjentifiċi tal-IT

Attività 7: Pariri xjentifiċi u prattiċi għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE

#### **2. Il-korpi tal-ECHA u l-attivitajiet trasversali**

Attività 8: Kumitati u Forum

Attività 9: Bord tal-Appell

Attività 10: Komunikazzjonijiet

Attività 11: Kooperazzjoni internazzjonali

#### **3. Ġestjoni, organizzazzjoni u riżorsi**

Attività 12: Ġestjoni

Attività 13: Finanzi, akkwisti u kontabilità

Attività 14: Riżorsi umani u servizzi korporattivi

Attività 15: Teknoloġija tal-informatika u tal-komunikazzjoni

#### **4. Riskji**

#### **Annessi**

Anness 1: Organizzazzjoni tal-ECHA 2011

Anness 2: Suppożizzjonijiet tal-linji bażi

Anness 3: Allokazzjoni tar-riżorsi fl-2011

Anness 4: Pjan ta' Akkwisti

## Lista ta' Akronimi

AD	Amministratur
AST	Assistent
C & L	Klassifikazzjoni u Tikkettar ( <i>Classification and Labelling</i> )
CA	Aġent Kuntrattwali ( <i>Contract Aġent</i> )
CARACAL	Awtoritajiet kompetenti għal REACH u CLP
CASPER	Applikazzjoni tal-IT tal-Karatterizzazzjoni għall-Għażla, il-Prijoritizzazzjoni, l-Evalwazzjoni u r-Rappurtar ( <i>IT Characterisation Application for Selection, Prioritisation, Evaluation and Reporting</i> )
CHESAR	Għodda ta' Evalwazzjoni u ta' Rappurtar tas-Sigurtà tas-Sustanzi Kimiċi ( <i>Chemical Safety Assessment and Reporting tool</i> )
CLP	Klassifikazzjoni, Tikkettar u Ppakkjar ( <i>Classification, Labelling and Packaging</i> )
CMR	Karċinoġeniċi, Mutaġeniċi jew tossiċi għar-Riproduzzjoni
CoRAP	Pjan ta' Azzjoni kontinwu tal-Komunità
CSA	Valutazzjoni tas-Sigurtà Kimika
DU	Utent 'downstream'
DCG	Grupp ta' Kuntatt tad-Diretturi
eChemPortal	Portal globali ta' informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi
EA	Arkitettura tal-Intrapriża (Enterprise Architecture)
ECHA	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ( <i>European Chemicals Agency</i> )
ECM	Ġestjoni tal-Kontenut tal-Intrapriża
EFSA	Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel ( <i>European Food Safety Authority</i> )
EMAS	Skema ta' Eko-Ġestjoni u ta' Verifika
ERP	Ippjanar tar-Riżorsi ta' Intrapriża
EU-OSHA	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq ix-Xogħol ( <i>European Agency for Safety and Health at Work</i> )
FAQ	Mistoqsijiet l-aktar komuni ( <i>Frequently Asked Questions</i> )
Forum	Forum għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-infurzar
HR	Riżorsi Umani
IPA	Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni
IQM	Ġestjoni Integrata tal-Kwalità ( <i>Integrated Quality Management</i> )
ISO	Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni ( <i>International Organization for Standardisation</i> )
IPPC	Prevenzjoni u Kontroll Integrati tat-Tniġġis
ICT	Teknoloġija tal-Komunikazzjoni tal-Infurmazzjoni
IT	Teknoloġija tal-Informatika
IUCLID	Database Internazzjonali Uniformi tal-Infurmazzjoni Kimika ( <i>International Uniform Chemical Information Database</i> )
KE	Kummissjoni Ewropea
KUMM	Kummissjoni Ewropea
MB	Bord ta' Tmexxija ( <i>Management Board</i> )
MoU	Memorandum ta' Fehim

MSC	Kumitat ta' Stat Membru ( <i>Member State Committee</i> )
MSCA	Awtorità Kompetenti ta' Stat Membru ( <i>Member State Competent Authority</i> )
OECD	Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u Żvilupp Ekonomiċi ( <i>Organisation for Economic Cooperation and Development</i> )
Odyssey	L-għodda tal-ECHA f'appoġġ għal xogħlijiet ta' evalwazzjoni
PBT	Bioakkumulattivi u Tossiċi Persistenti
PIC	Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Informat minn Qabel
PPORD	Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn il-Prodott u l-Proċess ( <i>Product and Proċess Oriented Research and Development</i> )
PPP	Prodotti ta' Protezzjoni tal-Pjanti
QEA	Qorti Ewropea tal-Awdituri
(Q)SAR	Relazzjonijiet (Kwantitattivi) ta' Struttura-Attività ( <i>(Quantitative) Structure-Activity Relationships</i> )
RAC	Kumitat tal-Evalwazzjoni tar-Riskju ( <i>Risk Assessment Committee</i> )
REACH	Registrazzjoni, Evalwazzjoni, Awtorizzazzjoni u Restrizzjoni tas-Sustanzi Kimiċi ( <i>Registration, Evaluation, Authorisation and Restriction of Chemicals</i> )
REACH-IT	REACH-IT hija s-sistema ċentrali tal-IT li tipprovdi appoġġ lir-REACH
RIPE	Portal ta' Informazzjoni ta' REACH għall-Infurzar
SAICM	Approċċ Strateġiku għall-Ġestjoni tal-Kimiċi Internazzjonali
SEAC	Kumitat ta' Analiżi Soċjo-Ekonomika ( <i>Socio-Economic Analysis Committee</i> )
SLA	Ftehim fil-Livell ta' Servizz
SME	Small and Medium-sized Enterprises
SIEF	Forum għall-Kondiviżjoni ta' Dejta u Skambju ta' Informazzjoni dwar Sustanzi Kimiċi ( <i>Data Sharing &amp; Substance Information Exchange Forum</i> )
SVHC	Sustanza ta' Tħassib Għoli Ħafna
TA	Aġent temporanju
UE	Unjoni Ewropea
UN GHS	Sistema ta' Armonizzazzjoni Globali tan-Nazzjonijiet Uniti ta' klassifikazzjoni u ttikkettjar tal-kimiċi.
vPvB	Persistenti ħafna u Bioakkumulattiv ħafna
WFD	Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma
WP	Programm ta' Ħidma ( <i>Work Programme</i> )
ŻEE/EFTA	Żona Ekonomika Ewropea/Ftehim Ewropew ta' Kummerċ Ħieles

## **Preżentazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi**

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), li ġiet stabbilita fl-1 ta' Ġunju 2007, tinsab fil-qalba tas-sistema regolatorja l-ġdida għas-sustanzi kimiċi fl-Unjoni Ewropea (UE), li tinsab fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH). Fil-bidu tal-2009, REACH ġiet ikkumplementata bir-Regolament dwar il-Klassifikazzjoni, it-Tikkettar u l-Ippakkjar ta' sustanzi kimiċi u taħlitiet (ir-Regolament CLP (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill). Dawn l-atti leġiżlattivi japplikaw direttament fl-Istati Membri kollha mingħajr hteieġa ta' traspożizzjoni fil-liġijiet nazzjonali.

L-għan tas-sistema REACH huwa li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, li tippromwovi metodi alternattivi għal testijiet fuq l-annimali biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, li tiffaċilita l-moviment liberu tas-sustanzi kimiċi fis-suq waħdieni u li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni. Fil-prattika, is-sistema l-ġdida mistennija tindirizza n-nuqqas ta' għarfien dwar is-sustanzi kimiċi li tqiegħdu fis-suq Ewropew qabel l-1981; li tħaffef it-tqiegħid fis-suq ta' sustanzi kimiċi innovattivi u mhux perikolużi; u li tagħmel il-ġestjoni tar-riskju ta' dawn is-sustanzi aktar effiċjenti - b'mod partikolari billi tixfhet l-oneru tal-prova għall-identifikazzjoni u l-kontroll tar-riskji mill-awtoritajiet għal għand il-kumpaniji. Biex l-implimentazzjoni ta' REACH tirnexxi, jeħtieġ li l-Aġenzija tiffunzjona tajjeb, tkun kapaċi tipprovdi opinjonijiet indipendenti bbażati fuq ix-xjenza u ta' kwalità għolja fi fhdan termini ta' skadenza stretti, u li tiggarantixxi funzjonament ottimali tal-leġiżlazzjoni fl-aspetti operattivi. Madankollu, funzjonament effiċjenti ta' REACH jiddependi wkoll mill-imsieħba istituzzjonali tal-ECHA, b'mod partikolari l-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea.

L-għan tar-Regolament CLP huwa li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, kif ukoll il-moviment liberu tas-sustanzi kimiċi, taħlitiet u oġġetti, billi jarmonizza l-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' sustanzi u taħlitiet, u r-regoli dwar it-tikkettar u l-ippakkjar. Il-karatteristiċi perikolużi tas-sustanzi kimiċi jinkludu perikli fiżiċi kif ukoll perikli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, inkluż periklu għas-saff tal-ożonu. Barra minn hekk, ir-Regolament CLP jirrappreżenta l-kontribut tal-UE għall-armonizzazzjoni globali tal-kriterji ta' klassifikazzjoni u tikkettar, minħabba li dawn tal-aħħar ġew żviluppatti fi fhdan in-Nazzjonijiet Uniti (UN GHS).

Iż-żewġ Regolamenti għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-Approċċ Strateġiku għall-Ġestjoni Internazzjonali tal-Kimiċi (SAICM) adottat fis-6 ta' Frar 2006 f'Dubai.

### **II-Missjoni tal-ECHA**

Il-missjoni tal-ECHA hija

- li tiġġestixxi l-kompiti kollha ta' REACH u CLP billi twettaq jew tikkoordina l-attivitajiet kollha meħtieġa sabiex tiżgura l-implimentazzjoni konsistenti fil-livell tal-UE
- li tipprovdi lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet Ewropej bl-aħjar pariri xjentifiċi possibbli dwar problemi relatati mas-sigurtà u dwar l-aspetti soċjoekonomiċi li jolqtu l-użu tas-sustanzi kimiċi.

Dan jintlaħaq billi jkun żgurat proċess kredibbli ta' teħid ta' deċiżjonijiet, billi jintużaw l-aħjar kapaċitajiet xjentifiċi, tekniċi u regolatorji possibbli sabiex ikun hemm konformità mar-Regolamenti ta' REACH u CLP.

### **II-Viżjoni tal-ECHA**

Il-viżjoni tal-ECHA hija li ssir l-Aġenzija rikonoxxuta internazzjonalment fi kwalunkwe kwistjoni relatata mas-sigurtà ta' sustanzi kimiċi industrijali, u sors ta' informazzjoni affidabbli u ta' kwalità għolja dwar is-sustanzi kimiċi għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

L-ECHA ser tkun awtorità regolatorja tal-ogħla livell li tattira persunal motivat ħafna u ta' talent billi tapplika l-aktar Prattiki amministrattivi u politiki moderni tal-persunal. L-industrija għandha tqis

lill-ECHA bħala sieħeb affidabbli li jipprovdi pariri u għajjnuna fejn ikun meħtiegħ.

### **Il-valuri tal-ECHA**

Bħala amministrazzjoni pubblika moderna, il-valuri tal-ECHA huma t-trasparenza, l-imparzjalità, il-kontabilità u l-effiċjenza; sejra tiġġestixxi l-operazzjonijiet ta' REACH u CLP b'mod sikur, professjonali u bbażat fuq ix-xjenza.

L-ECHA tagħti importanza lill-indipendenza tagħha minn kull interess estern, filwaqt li fl-istess ħin tikkoopera mill-qrib mal-partijiet interessati kollha, mal-istituzzjonijiet Ewropej u mal-Istati Membri. L-Aġenzija ssegwi politika b'saħħitha ta' opportunitajiet indaqs u ambjent li jilqgħek.

## Introduzzjoni

Dan il-Programm ta' F'idma jippreżenta fil-qosor l-objettivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għall-2011, li se tkun ir-raba' sena tagħha ta' f'idma. Il-Programm ta' F'idma Multiannwali, li ġie adottat f'Ġunju 2010 mill-Bord Amministrattiv tal-ECHA wara konsultazzjoni pubblika, jipprovdi l-bażi għal dan il-Programm ta' F'idma annwali. L-istruttura tal-Programm ta' F'idma ssegwi l-approċċ ta' Ġestjoni Msejsa fuq l-Attivitajiet tal-ECHA u hija maqsuma fi f'ħmistax-il Attività. Kull Attività għandha sett ta' għanijiet u azzjonijiet, kif ukoll indikaturi tal-prestazzjoni, li bihom jistgħu jiġu segwiti l-kisbiet.

Minħabba l-limiti taż-żmien stipulati fir-Regolament REACH, dan il-Programm ta' F'idma ġie adottat l-ewwel darba f'Settembru 2010 fi żmien meta l-ewwel data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni taħt REACH, li taħbat fl-aħħar tal-2010, kien għad fadlilha xi xhur biex tasal. Billi r-risultat finali tar-reġistrazzjonijiet f'termini tan-numru ta' faxxikli ppreżentati, il-proposti ta' ttestjar u t-talbiet għall-kunfidenzjalità kien determinanti għall-volum tax-xogħol u l-finanzi tal-ECHA fl-2011, il-Programm ta' F'idma ġie rivedut f'Diċembru 2010. Madankollu, għandu jiġi sottolinjat li n-numri tal-linja bażi relatati ma' attivitajiet oħra, b'mod partikolari l-awtorizzazzjoni, ir-restrizzjonijiet u l-appelli għadhom suġġetti għal livell għoli ta' inċertezza.

Il-baġit u l-pjan ta' stabbiliment għar-riżorsi umani, li huma l-bażi tal-allokazzjoni bbażata fuq l-Attività li hemm ippreżentata fl-Anness 3, ġew adottati mill-Bord Amministrattiv f'Diċembru 2010. Madankollu, il-baġit għandu jsir finali biss wara l-adozzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Anki l-pjan ta' stabbiliment irid jiġi adottat mill-awtorità baġitarja, jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kunsill.



## L-isfidi u l-prijoritajiet tal-ECHA għall-2011

Sfida ewlenija għall-ECHA fl-2011 se tkun li tiffinalizza l-ipproċessar tal-faxxikli ta' reġistrazzjoni li jkunu waslu sal-ewwel data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni taħt REACH li hija t-30 ta' Novembru 2010.

It-tqegħid għad-dispożizzjoni pubblika, bla ħlas, tal-informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi rreġistrati, huwa mistenni li jkollu impatt pożittiv fuq il-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent fl-Ewropa u madwar id-dinja. Għalhekk, attività prinċipali fl-2011 se tkun li tiġi pproċessata l-informazzjoni dwar is-sustanzi rreġistrati fl-2010, jiġi valutat jekk it-talbiet għall-kunfidenzjalità pprovduti mir-reġistranti għal ċerti partijiet tal-faxxikli tagħhom humiex ġustifikati, u jiġu ppubblikati l-partijiet mhux kunfidenzjali tal-faxxikli ta' reġistrazzjoni fuq is-sit elettroniku tal-ECHA.

Wara d-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni ta' Novembru 2010, l-isfida prinċipali għall-ECHA se tkun l-evalwazzjoni tal-faxxikli rreġistrati. Is-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali b'volum għoli ta' produzzjoni li se jiġu rreġistrati sal-ewwel data tal-għeluq se jkun fihom l-ogħla livell ta' informazzjoni għal kull faxxiklu u ħafna proposti ta' ttestjar. Minħabba d-dati tal-għeluq fissi għal dawn l-evalwazzjonijiet, l-ECHA se jkollha tiffoka l-kapaċità ta' evalwazzjoni tagħha fl-2011 fuq il-proposti ta' ttestjar. Barra minn hekk, l-ECHA se tassigura li l-ewwel pjan ta' azzjoni rikorrenti tal-Komunità jiġi ppreżentat qabel sewwa l-aħħar tal-2011.

Billi l-Anness XIV ta' REACH, li jstabilixxi lista ta' sustanzi soġġetti għal awtorizzazzjoni, huwa mistenni li jiġi adottat u ppubblikat mill-Kummissjoni fil-bidu tal-2011, l-ECHA se tassigura l-prontezza tagħha sabiex tirċievi u tipproċessa applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni mill-industrija.

Sfida oħra toħroġ mid-data tal-għeluq tat-3 ta' Jannar 2011 fir-rigward tan-notifiki tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar. Wara d-data tal-għeluq, l-ECHA se żżomm l-inventarju tal-C&L, tiżviluppah aktar u tippubblika verżjoni mhux kunfidenzjali tiegħu fuq is-sit elettroniku tal-ECHA.

Bi qbil mal-mira politika stabbilita mill-Kummissjoni aktar kmieni fl-2010, in-numru ta' proposti għall-identifikazzjoni ta' sustanzi bħala SVHCs huwa mistenni li jiżdied. Dan se jkun ifisser li, flimkien ma' numru akbar ta' proposti għal restrizzjonijiet u l-ewwel applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni li għandhom jiġu sottomessi mill-industrija, is-Segretarjat u l-kumitati xjentifiċi tal-ECHA se jkunu ffaċċjati b'żieda fil-volum tax-xogħol fl-2011.

Fl-2011, l-ECHA se tintensifika l-pariri xjentifiku u tekniku tagħha lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, billi tagħmel użu sħiħ tal-pjattaformi xjentifiċi tagħha u l-ħidma tagħha ta' evalwazzjoni u ta' ġestjoni tar-riskju. Dan se jirrigwarda, b'mod partikolari, kwistjonijiet relatati man-nanomaterjali u s-sustanzi li jfixxlu s-sistema endokrinali.

Fir-rigward tal-għoti ta' pariri xjentifiċi u tekniċi lill-industrija permezz ta' gwida u l-helpdesks, se ssir enfasi speċjali fuq l-għajnuna lill-SMEs sabiex jippreparaw għat-tieni data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni fl-2013. It-tkabbir tal-għarfien u l-għoti ta' informazzjoni dwar l-obbligi se jkunu elementi importanti fl-għajnuna lill-kumpaniji sabiex jippreparaw sewwa. L-esperjenzi miksuba mill-ewwel dati tal-għeluq għar-reġistrazzjoni u n-notifiki se jgħinu lill-ECHA biex tiżviluppa aktar il-kapaċità konsultattiva tagħha, b'mod partikolari sabiex jiġi evitat l-ittestjar bla bżonn fuq l-annimali u biex tiġi simplifikata l-gwida. Se tkompli ssir enfasi fuq it-traduzzjoni ta' gwida u dokumenti oħra mmirati lejn l-SMEs u l-pubbliku ġenerali.

Minħabba li s-suċċess tar-Regolamenti REACH u CLP jiddependi wkoll fuq infurzar armonizzat u effettiv, l-appoġġ mogħti mis-Segretarjat tal-ECHA lill-Forum se jkompli jirċievi attenzjoni prominenti fil-Programm ta' Fidma.

L-implimentazzjoni u l-infurzar tar-Regolamenti REACH u CLP jeħtieġu firxa wiesgħa ta' sistemi tal-IT; l-iżvilupp u l-manutenzjoni ulterjuri tagħhom se jkomplu jkunu kruċjali għall-operazzjonijiet tal-ECHA. Fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba fl-2010, l-ECHA se tkun f'pożizzjoni li tiżviluppa b'mod intensiv, u/jew iġġedded fejn ikun xieraq, is-sistemi eżistenti sabiex tagħmilhom iżjed effiċjenti u faċli biex jintużaw mill-utent, b'REACH-IT u IUCLID5 jibqgħu l-applikazzjonijiet prinċipali tal-Aġenzija.

Fuq il-bażi tal-obbligi ta' rappurtaġġ li hemm fir-Regolament REACH, l-ECHA se tfassal l-ewwel rapport ta' ħames snin għall-Kummissjoni dwar l-operat tar-Regolament REACH, u f'dan il-kuntest se tagħmel ukoll suġġerimenti sabiex titjeb il-funzjonalità tar-Regolament. Barra minn hekk, l-ECHA se tfassal l-ewwel rapport ta' tliet snin għall-Kummissjoni dwar l-istat ta' implimentazzjoni u użu ta' metodi ta' ttestjar u strateġiji ta' ttestjar mhux bl-animali.

Ir-ritmu tat-tkabbir tal-Aġenzija, f'termini ta' persunal, se jkun laħaq l-aqwa tiegħu sal-bidu tal-2011. Sabiex ikun assigurat teħid għaqli u konsistenti tad-deċiżjonijiet, fil-bidu tas-sena se ssir riorganizzazzjoni maġġuri. Se tkun sfida importanti għall-amministrazzjoni biex tassigura li din isseħħ mingħajr skossi, b'mod partikolari billi taddatta l-proċessi amministrattivi għal struttura organizzattiva iżjed deċentralizzata, u billi tassigura l-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tagħhom. L-attenzjoni primarja tal-amministrazzjoni tal-ECHA fil-kamp finanzjarju se tkun fuq ġestjoni effiċjenti tal-likwidità u dixxiplina stretta fuq il-baġit, billi l-Aġenzija se tiffinanzja kompletament lilha nnifisha permezz ta' miżati u ħlasijiet fir-rigward tal-attivitajiet ta' REACH u CLP matul il-perjodu 2011-2013 filwaqt li fl-istess ħin ikollha tħallas lura s-sussidju tal-UE li rċeviet fl-2010. Il-ġestjoni tar-riżorsi umani se tibdel l-enfasi tagħha mill-eżerċizzji massivi ta' reklutaġġ tas-snin preċedenti għaż-żamma tal-persunal, b'attenzjoni akbar għat-tagħlim u l-iżvilupp, strateġiji innovattivi fl-iżvilupp tal-organizzazzjoni, u kura ddedikata għall-benesseri tal-persunal.

# ***1. L-implimentazzjoni tal-Proċessi ta' REACH u CLP***



## Attività 1: Reġistrazzjoni, qsim ta' dejta u disseminazzjoni

### 1. Sfidi prinċipali fl-2011

#### *Flas ta' reġistrazzjoni*

REACH huwa bbażat fuq il-prinċipju li r-responsabbiltà għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji minn sustanza taqa' fuq il-kumpanija li timmanifattura, timporta, tqiegħed fis-suq, jew tuża s-sustanza. Il-kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimpurtaw sustanzi fi kwantitajiet ta' tunnellata jew aktar fis-sena jridu juru li ħadu dik ir-responsabbiltà permezz ta' faxxiklu ta' reġistrazzjoni, ippreżentat lill-ECHA. L-ECHA mbagħad tivverifika l-kompletezza tat-tagħrif ipprovdut u l-flas tal-miżata tar-regolament, qabel ma tagħti numru tar-reġistrazzjoni.

L-ewwel data tal-għeluq tat-30 ta' Novembru 2010 għar-reġistrazzjoni skont REACH hija għar-reġistrazzjoni ta' sustanzi ta' volum għoli (1 000 tunnellata/sena jew aktar) u għal ċerti tipi ta' sustanzi ta' tħassib. Sa dik id-data l-ECHA kienet irċeviet kważi 25 000 faxxiklu ta' reġistrazzjoni, ammont li kien jaqbel mal-istima oriġinali tal-Kummissjoni u x-xenarju tal-linja bażi previst mill-ECHA. L-ECHA se jkollha sat-28 ta' Frar 2011 biex tipproċessa dawn il-faxxikli, iżda minħabba l-awtomazzjoni b'suċċess ta' xi passi prinċipali fl-ipproċessar tal-faxxikli, din il-biċċa xogħol se titlesta qabel. In-numru ta' sottomissjonijiet mill-ġdid huwa mistenni li jkun baxx billi proporzjon baxx ħafna biss tal-faxxikli ta' reġistrazzjoni mhumie x jgħaddu mill-kontroll tal-kompletezza, bis-saħħa tal-istrument ipprovdut mill-ECHA biex l-industrija twettaq test ta' kontroll tal-kompletezza qabel ma tissottometti l-faxxiklu. L-ECHA se tkompli timmonitorja kwistjonijiet relatati mar-reġistrazzjoni flimkien mal-imsieħba tagħha, fosthom permezz tal-Grupp ta' Kuntatt tad-Diretturi (GCG)<sup>1</sup>, li jkunu rilevanti għar-reġistranti u l-utenti downstream anki wara l-ewwel data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni. Matul l-2011 huma mistennija numru stabbli ta' reġistrazzjonijiet għal sustanzi ġodda u aġġornamenti tal-faxxikli.

Informazzjoni dwar l-ewwel grupp ta' reġistrazzjonijiet, fosthom valutazzjoni tal-proċess ta' sottomissjoni konġunta u tar-raġunijiet għas-sottomissjoni tal-informazzjoni b'mod separat, se tkun parti mill-ewwel rapport tal-ECHA lill-Kummissjoni dwar l-operat tar-Regolament REACH, li huwa mistenni fl-1 ta' Ġunju 2011<sup>2</sup>. Barra minn hekk, se jiġu riveduti l-proċess tar-reġistrazzjoni u l-proċessi relatati tal-qsim ta' dejta, ukoll flimkien mad-DCG, fid-dawl tat-tagħlimiet miksuba (inklużi l-appelli) sabiex tibda l-preparazzjoni għad-data tal-għeluq għar-reġistrazzjonijiet li jmiss tal-2013.

Mill-1 ta' Ġunju 2011, l-ECHA se tibda tipproċessa n-notifiki tas-sustanzi fl-oġġetti<sup>3</sup> meta s-sustanzi jidhru fil-lista ta' kandidati u jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-leġislazzjoni. L-ECHA se tipprepara l-prinċipji u l-proċeduri għall-evalwazzjoni ta' dawn in-notifiki bl-iskop li jkun identifikat meta tintalab reġistrazzjoni sħiħa sabiex tiġi promossa ġestjoni effettiva tar-riskji. Fl-2011 se tibda wkoll l-amministrazzjoni tar-rapporti mill-utenti downstream (DU). Id-DUs iridu jirrapportaw użi mhux koperti mir-reġistrazzjoni tal-fornitur tagħhom u li għalihom ikun meħtieġ rapport dwar is-sigurtà kimika jew fejn id-DU jibbaża fuq eżenzjoni speċifika. Dawn ir-rapporti huma mistennija li jiġu ppreżentati fi kwantitajiet kbar ħafna (stima tal-linja bażi: 45 000). Fl-aħħar nett, ix-xogħol assoċjat mal-PPORDs fl-2011 huwa mistenni li jibqa' fil-livell tal-2010.

<sup>1</sup> Il-Grupp ta' Kuntatt tad-Diretturi (DCG) huwa kompost minn rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, l-ECHA u assoċjazzjonijiet tal-industrija. L-għan tal-grupp huwa li jsib soluzzjonijiet prattiċi għal kwistjonijiet li jidhru bħala ostakoli għar-reġistrazzjoni.

<sup>2</sup> REACH Art. 117(2).

<sup>3</sup> Jekk ikunu preżenti fi kwantitajiet li jammontaw għal iżjed minn tunnellata għal kull produttur jew importatur fis-sena u preżenti f'dawk l-oġġetti f'konċentrazzjoni oġġgħla minn 0.1 % (w/w).

## **Qsim ta' dejta**

Il-kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimpurtaw l-istess sustanza għandhom jissottomettu r-reġistrazzjoni tagħhom flimkien wara li jaqsmu d-dejta tagħhom u jidentifikaw ftigijiet ta' ttestjar ulterjuri flimkien, u b'hekk jgħinu sabiex jiġi evitat ittestjar bla bżonn fuq l-animali u sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż għar-reġistranti. Il-qsim b'suċċess tad-dejta, u għalhekk is-suċċess ta' REACH, jiddependi ħafna minn fehim ċar tal-identità tas-sustanzi. Tista' tinqasam dejta dwar l-“istess” sustanzi, filwaqt li ma tistax tinqasam id-dejta għal sustanzi differenti. Madankollu, l-informazzjoni dwar l-identità tas-sustanzi ssostni wkoll ir-“read across”, ir-raggruppament tas-sustanzi u l-(Q)SARs (Quantitative Structure Attività Relationships) li huma lkoll modi ta' kif tintuża l-informazzjoni disponibbli dwar sustanza (jew grupp ta' sustanzi) sabiex jimtlew in-nuqqasijiet ta' dejta għal sustanza oħra differenti, mingħajr ma wieħed jirrikorri għal iżjed testijiet fuq animali vertebrati. Il-ftieġa li jingħata parir u appoġġ lill-industrija dwar l-identità tas-sustanzi u dwar l-opportunitajiet ta' “read across” sabiex isostnu l-qsim tad-dejta, hija mistennija li tiżdied fl-2011, hekk kif aktar reġistranti, ħafna drabi b'settijiet ta' dejta limitati, ifittxu li jippreparaw għar-reġistrazzjoni għad-dati tal-għeluq iżjed tard.

It-talbiet għall-qsim tad-dejta u t-tilwimiet (jekk ikun hemm) jistgħu jinqasmu f'dawk li jsegwu inkjesti dwar sustanzi mhux ta' introduzzjoni gradwali u dawn li jinħolqu minn nuqqas ta' qbil fi ħdan is-SIEFs. Kien hemm żieda mhux mistennija fin-numru ta' inkjesti fl-aħħar tliet xhur tal-2010, l-aktar minħabba inkjesti għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali. Minkejja l-passi li ttieħdu sabiex jittejjeb il-proċess ta' inkjesta, huwa mistenni li parti mix-xogħol lura se tinġarr għall-2001. Jidher ukoll raġonevoli li wieħed jassumi li n-numru ta' inkjesti se jibqa' fl-livell relattivament għoli fl-2011, meta jitqies ukoll li ħafna minnhom iridu jergħu jiġu sottomessi minħabba l-kwalità ħażina tas-sottomissjoni inizjali.

Il-qsim tad-dejta fi ħdan is-SIEFs huwa differenti. Mill-2011 'il quddiem, se jiżdied ulterjorment is-sostenn tal-ECHA għall-qsim tad-dejta: b'mod partikolari sabiex tgħin lill-kumpaniji li qegħdin jippreparaw għad-data tal-għeluq tal-2013 li qegħdin jippruvaw jiksbu d-dettalji ta' kuntatt tar-reġistranti preċedenti, sabiex ikunu parti minn reġistrazzjoni konġunta. It-talbiet għall-qsim tad-dejta jistgħu jsiru qabel ma tkun ġiet sottomessa reġistrazzjoni għal sustanza jew wara. It-talbiet tal-aħħar se jippredominaw fl-2011 billi dawn il-membri tas-SIEF li jimmanifatturaw jew jimpurtaw inqas minn 1000 tunnellata fis-sena jfittxu li jirreġistraw meta r-reġistrant prinċipali jkun issottometta qabel id-data tal-għeluq tal-2010. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, il-kumpaniji jistgħu jitolbu l-intervent tal-ECHA. Meta ma jkunx jista' jintlaħaq qbil dwar il-qsim ta' studju li jinvolvi ttestjar fuq animali vertebrati, l-ECHA tista' f'ċerti każijiet tiegħu deċiżjoni jew tagħti permess biex issir referenza għall-informazzjoni diġà sottomessa. Dawn ir-reġistranti ta' tunnellaġġi iżjed baxxi huma iżjed probabbli li jkunu SMEs. Tkun xi tkun id-deċiżjoni tal-ECHA, wieħed jista' jistenna appelli mill-parti l-oħra, u l-preparazzjoni tad-difiża legali tal-ECHA tista' tkun teħtieġ ammont sostanzjali ta' xogħol. Fl-aħħar nett, is-sistemi u l-proċeduri eżistenti tal-IT se jiġu rieżaminati sabiex jiġi mfittex titjib ibbażat fuq l-esperjenza tal-ħidma fuq il-prereġistrazzjoni fl-2008 u r-reġistrazzjoni fl-2010.

## **Disseminazzjoni**

It-tqegħid għad-dispożizzjoni pubblika ta' informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, bla ħlas, fuq is-sit elettroniku tal-ECHA huwa mistenni li jkollu impatt pożittiv fuq is-saħħa u l-ħarsien tal-ambjent fl-Ewropa u mad-dinja kollha. Attività prinċipali fl-2011 se tkun li tiġi pproċessata l-informazzjoni dwar is-sustanzi rreġistrati fl-2010, jiġi valutat jekk it-talbiet għall-kunfidenzjalità pprovduti mir-reġistranti fil-faxxikli tagħhom humiex ġustifikati, u tiġi ppubblikata l-informazzjoni mhux kunfidenzjali fuq is-sit elettroniku tal-ECHA. Fuq il-bażi tal-faxxikli ta' reġistrazzjoni li għalihom l-ECHA diġà tat numru tar-reġistrazzjoni, jidher li 2% tar-reġistrazzjonijiet ta' sustanzi ta' introduzzjoni gradwali u 35% tar-reġistrazzjonijiet ta' sustanzi mhux ta' introduzzjoni gradwali, fihom talbiet għall-kunfidenzjalità. Il-valutazzjoni tat-talbiet għall-kunfidenzjalità li ġew ippreżentati sat-30 ta' Novembru 2010,

għalhekk għandha tkun kważi lesta fl-2011. Fi kwalunkwe każ, se tingħata prijorità lill-faxxikli li jkollhom proposta ta' ttestjar jew li jkunu taħt kontroll għall-konformità. Barra minn hekk, l-ECHA se tissimplifika l-ħruġ awtomatizzat ta' informazzjoni mhux kunfidenzjali mill-faxxikli ta' reġistrazzjoni u – fil-kuntest tar-rinnovament tas-sit elettroniku tal-ECHA – se tirrinнова wkoll is-sit elettroniku tad-disseminazzjoni sabiex jitjiebu b'mod sinifikanti l-użabilità tiegħu u l-faċilità biex jintuża mill-utenti.

## 2. Għanijiet u indikaturi

### Għanijiet

1. Jiġu pproċessati l-faxxikli u t-tilwimiet kollha dwar qsim ta' dejta, u jiġu valutati n-notifiki ta' PPORD u t-talbiet għall-kunfidenzjalità, skont il-proċeduri standard adottati mill-ECHA u sad-dati tal-għeluq stabbiliti fir-Regolament REACH.
2. L-inkjesti kollha jiġu pproċessati skont il-proċeduri standard adottati mill-ECHA, f'perjodu fil-mira ta' 20 ġurnata tax-xogħol.
3. Id-deċiżjonijiet dwar ir-reġistrazzjonijiet u n-notifiki ta' PPORD ikunu ta' kwalità teknika u xjentifika għolja.
4. L-informazzjoni pubblika mill-faxxikli kollha tas-sustanzi rreġistrati qabel l-ewwel data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni tiġi ppubblika fuq is-sit elettroniku tal-ECHA.

### Indikaturi tal-Prestazzjoni u Miri

Indikatur	Mira fl-2011	Mezz u frekwenza tal-verifika
Perċentwali ta' reġistrazzjonijiet, notifikati ta' PPORD, u tilwimiet dwar qsim ta' dejta pproċessati fil-perjodu legali.	100%	Fin irreġistrat fir-rappurtaġġ ta' kull xahar ta' REACH-IT
Perċentwali ta' inkjesti pproċessati fil-perjodu stabbilit (20 ġurnata tax-xogħol).	≥ 90%	Fin irreġistrat fir-rappurtaġġ ta' kull xahar ta' REACH-IT
Perċentwali ta' talbiet għall-kunfidenzjalità valutati fil-faxxikli ta' reġistrazzjoni ppreżentati għad-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni tal-2010.	≥ 90%	Irreġistrat fir-rappurtaġġ ta' kull tliet xhur ta' REACH-IT
Perċentwali ta' faxxikli ta' reġistrazzjoni (informazzjoni mhux kunfidenzjali) ippubblikata fuq is-sit elettroniku tal-ECHA.	≥ 80%	Rapport intern annwali
Numru ta' appelli magħmula mir-reġistranti u n-notifikaturi kontra d-deċiżjonijiet.	≤ 10% tad-deċiżjonijiet	Monitoraġġ tar-risposti għad-deċiżjonijiet kull xahar

## 3. Azzjonijiet prinċipali

- Il-faxxikli għas-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali li joħroġu mid-data tal-għeluq tal-2010 jiġu pproċessati, il-fatturi (invoices) jintbagħtu u l-ħlasijiet jaslu, u t-tilwimiet dwar il-qsim tad-dejta jiġu pproċessati skont l-iskadenzi xierqa.

- Jaslu u jiġu pproċessati l-faxxikli ta' reġistrazzjoni għas-sustanzi mhux ta' introduzzjoni gradwali, il-faxxikli tal-inkjesti, in-notifiki ta' sustanzi intermedji u n-notifiki ta' Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi (PPORD).
- Ipproċessati r-reġistrazzjonijiet għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali b'data tal-għeluq aktar tard iżda għall-istess sustanza li għaliha r-reġistrant prinċipali jkun irreġistra b'suċċess sad-data tal-għeluq għall-2010.
- Valutati 250 talba ġdida għall-kunfidenzjalità (minn faxxikli ta' reġistrazzjoni għal sustanzi mhux ta' introduzzjoni gradwali, faxxikli ta' reġistrazzjoni għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali sottomessi fl-2011, u aġġornamenti ta' faxxikli ta' reġistrazzjoni fl-2011) u 1000 talba għall-kunfidenzjalità li joħorġu mid-data tal-għeluq tal-2010.
- Stabbiliti prinċipji u proċeduri sabiex tintalab ir-reġistrazzjoni ta' sustanzi fl-oġġetti.
- Introdotti proċedura u sistemi biex jiġu pproċessati r-rapporti minn utenti downstream għal użi mhux sostnuti mill-fornituri tagħhom (Artikolu (38) tar-Regolament REACH) u n-notifiki ta' manifatturi/importaturi għall-użi mhux appoġġjati identifikati minn utenti downstream (Artikoli 37(3) u 38 tar-Regolament REACH).
- Informazzjoni mir-reġistrazzjonijiet li daħlu fl-2010, ippubblikata fuq is-sit elettroniku tal-ECHA u llinkjata mal-eChemPortal tal-OECD.

## **Attività 2: Evalwazzjoni**

### **1. Sfidi prinċipali fl-2011**

#### ***Evalwazzjoni tal-Faxxikli***

L-evalwazzjoni tal-faxxikli tinkludi kemm l-eżami tal-proposti ta' ttestjar kif ukoll il-kontrolli tal-konformità. Hija tinvolvi t-teħid ta' deċiżjonijiet xjentifiċi bl-użu ta' għarfien espert minn varjetà ta' dixxiplini xjentifiċi. Id-deċiżjonijiet tal-ECHA se jkunu taħt skrutinju xjentifiku u legali mir-reġistranti affettwati u mill-Istati Membri. Dan min-naħa tiegħu jitlob li l-ġudizzji xjentifiċi jkollhom bażi soda kif ukoll li jinqalbu f'deċiżjonijiet legalment tajbin. Huwa evidenti li dan joħloq sfidi importanti għas-Segretarjat tal-ECHA, speċjalment flimkien mal-ħtieġa ta' pproċessar ta' mijiet ta' evalwazzjonijiet ta' faxxikli kull sena, u proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet li jinvolvi lill-Istati Membri kollha u diversi passi proċedurali.

L-ECHA hija obligata li teżamina l-proposti kollha ta' ttestjar ippreżentati mir-reġistranti jew l-utenti downstream, u li tipprepara abbozz ta' deċiżjoni sad-dati tal-għeluq previsti fir-Regolament REACH. Il-fattur tal-volum tax-xogħol għall-eżami tal-proposti ta' ttestjar huwa n-numru ta' sustanzi rreġistrati, billi huwa mistenni li l-obbligi ta' qsim tad-dejta se jwasslu għas-sottomissjoni konġunta ta' proposti ta' ttestjar għal kull sustanza. Fil-każ tas-sustanzi mhux ta' introduzzjoni gradwali, l-abbozz ta' deċiżjoni għandu jiġi ppreparat fi żmien 6 xhur u għas-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali rreġistrati sal-1 ta' Diċembru 2010, l-abbozz ta' deċiżjoni jrid ikun lest sal-1 ta' Diċembru 2012.

Barra minn hekk, l-ECHA hija obligata li ttwettaq kontrolli tal-konformità fuq mill-anqas 5% tar-reġistrazzjonijiet ippreżentati għal kull faxxa ta' tunnellaġġ. Il-fattur tal-volum tax-xogħol għall-kontrolli tal-konformità għalhekk huwa n-numru ta' faxxikli riċevuti għal kull faxxa ta' tunnellaġġ. Madankollu, minħabba l-varjazzjoni kbira fl-ammont ta' faxxikli rreġistrati kull sena, b'volum kbir ta' faxxikli ta' reġistrazzjoni mistennija fis-snin 2010, 2013 u 2018, il-leġislatur ma ddefinixx perjodu sa meta għandha tintlaħaq il-mira ta' 5%. Fuq il-bażi tan-numru ta' proposti ta' ttestjar u n-numru ta' faxxikli ta' reġistrazzjoni ppreżentati, l-ECHA se tiżviluppa aktar l-iskeda multi-annwali tagħha biex tilħaq il-mira ta' mhux inqas minn 5% għall-kontrolli tal-konformità sal-aħħar tal-2013.

Se jkun meħtieġ li jissokta l-bini tal-kapaċità xjentifika u amministrattiva billi s-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali b'volum għoli ta' produzzjoni li ġew irreġistrati sal-1 ta' Diċembru 2010 fihom l-oġġetti livell ta' informazzjoni għal kull faxxiklu, u l-ECHA tistenna li parti konsiderevoli minn din l-informazzjoni ma tkunx ġiet iġġenerata bl-użu tal-metodoloġija standard preżenti ta' ttestjar u ta' assikurazzjoni tal-kwalità. Dan bilfors jikkumplikja l-evalwazzjoni tal-faxxikli u jqajjem mistoqsijiet kumplessi u xjentifikament diffiċli. Bir-riżorsi ppjanati fil-preżent, u bis-suppożizzjonijiet preżenti, l-ECHA fl-2011 tistenna li tkun kapaċi tibda madwar 500 u tikkonkludi 350 eżami ta' proposta ta' ttestjar u kontroll tal-konformità. Billi l-580 faxxiklu kollha bi proposti ta' ttestjar sottomessi fl-2010 iridu jiġu evalwati sad-dati tal-għeluq deskritti aktar 'il fuq, huma se jingħataw prijorità u l-kapaċità li jifdal se tintuża għall-kontrolli tal-konformità, filwaqt li jiġi nnotat, madankollu, li proporzjon tal-eżamijiet ta' proposti ta' ttestjar huma probabbli wkoll li jikkawżaw kontroll parallel tal-konformità b'reazzjoni għan-nuqqasijiet ta' prijorità għolja.

Bħala parti mill-attivitajiet ta' kontroll tal-konformità, l-ECHA se tkompli tevalwa wkoll faxxikli rreġistrati bħala intermedji sabiex tikkonferma li l-istatus bħala intermedju jew l-applikazzjoni ta' kundizzjonijiet strettament ikkontrollati jkunu dokumentati sewwa u jkun hemm prova adegwata fil-faxxiklu, u toħroġ abbozzi ta' deċiżjonijiet meta jkun xieraq.

Ir-riżultati ġenerali tal-proċessi ta' evalwazzjoni mill-2010 (deskritti aktar 'il fuq) se jkunu kontenuti fir-rapport annwali dwar il-progress ipprovdut mill-ECHA skont l-Artikolu 54 tar-Regolament REACH, sal-aħħar ta' Frar 2011. Dan ir-rapport se jinkludi rakkomandazzjonijiet lir-reġistranti potenzjali bil-għan li titjieb il-kwalità tar-



reġistrazzjonijiet futuri, fosthom kummenti sabiex tiġi ottimizzata l-applikazzjoni ta' metodi alternattivi ta' ttestjar fuq l-annimali u ta' approċċi ta' valutazzjoni. Barra minn hekk, l-ECHA se tuża strumenti u kanali oħra ta' komunikazzjoni, bħal avvenimenti għall-partijiet interessati, workshops, u folji ta' fatti, sabiex tassigura li l-industrija jkollha fehim sewwa ta', u kummenti mill-evalwazzjoni tal-faxxikli. Fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet tal-faxxikli, l-ECHA se toqgħod attenta wkoll għall-kwalità tar-Rapporti dwar is-Sigurtà Kimika u x-xenarji ta' espożizzjoni u tikkomunika s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha għal titjib lir-reġistranti individwali jew lill-industrija b'mod ġenerali, kif ikun xieraq. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jikkontribwixxu għas-suċċess ġenerali tar-Regolament REACH, u għall-użu sigur tas-sustanzi tul il-katina ta' provvista, billi jiġġeneraw l-informazzjoni neċessarja filwaqt li jevitaw ittestjar bla bżonn fuq l-annimali.

Il-Valutazzjoni tas-Sigurtà Kimika (CSA) hija element ċentrali ta' REACH. Għall-ECHA, se tkun ta' sfida li tipproċessa r-Rapporti dwar is-Sigurtà Kimika (CSRs) ippreżentati mal-faxxikli ta' reġistrazzjoni, li tevalwa u tuża l-informazzjoni contenuta fil-CSRs, u li ssostni lill-industrija sabiex ittejjeb il-kwalità tagħhom. Fis-snin li ġejjin, iridu jiġu żviluppatti aktar il-kunċetti u l-metodi marbuta mal-CSA. Għalhekk, l-ECHA identifikat il-ħtieġa li jitwaqqaf programm trasversali intern dwar l-iżvilupp tal-CSA, sabiex jipprovdi gwida u għodod lill-industrija sabiex jiġu ġġenerati CSA/Rs ta' kwalità għolja, tiġi assicurata l-konsistenza u l-effiċjenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Aġenzija, u tiġi żviluppata aktar il-metodoloġija tagħha relatata mal-CSA.

### ***Evalwazzjoni tas-Sustanzi***

L-evalwazzjoni tas-sustanzi għandha l-għan li tivverifika jekk sustanza partikolari tikkostitwix riskju għas-saħħa umana jew għall-ambjent. L-evalwazzjonijiet tas-sustanzi jsiru mill-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri (MSCAs) u jinvolvu valutazzjoni tal-informazzjoni kollha disponibbli u t-talbiet għal iżjed informazzjoni mir-reġistranti, jekk ikun il-każ.

L-ewwel abbozz ta' pjan ta' azzjoni rikorrenti tal-Komunità (CoRAP) għas-sustanzi suġġetti għal evalwazzjoni tas-sustanza jrid jiġi ppreżentat mis-Segretarjat tal-ECHA lill-Istati Membri sal-1 ta' Diċembru 2011, u se jiġi aġġornat kull sena. L-ECHA se tiżviluppa kriterji għall-prijoritizzazzjoni tas-sustanzi għal evalwazzjoni tas-sustanzi f'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Il-MSCAs se jagħżlu sustanzi mill-CoRAP u suċċessivament jibdeu l-evalwazzjonijiet tagħhom. L-ECHA għandha rwol ta' koordinazzjoni fl-istabbiliment u l-aġġornament tal-CoRAP; l-Aġenzija tassigura wkoll il-konsistenza tad-deċiżjonijiet dwar it-talbiet għall-informazzjoni. Billi tibni fuq ix-xogħol ta' preparazzjoni mwettaq fl-2010, l-ECHA se tkompli taħdem fi djalogu mal-Istati Membri sabiex tissottometti l-ewwel abbozz ta' CoRAP. Il-konklużjonijiet prinċipali ta' workshop organizzat fl-aħħar tal-2010 dwar l-iffissar tal-prijoritajiet se jkunu l-bażi għall-iżvilupp tal-lista ta' CoRAP sal-aħħar tal-2011.

## **2. Għanijiet u Indikaturi**

### Għanijiet

1. Jiġu ppreparati abbozzi ta' deċiżjonijiet xjentifikament tajba f'konformità mar-rekwiżiti legali.
2. L-ECHA jkollha pjan multiannwali aġġornat għall-evalwazzjoni.
3. L-ECHA ħolqot il-bażi għal bidu effettiv għall-evalwazzjoni tas-sustanzi.

## Indikaturi tal-Prestazzjoni u Miri

<b>Indikatur</b>	<b>Mira fl-2011</b>	<b>Mezz u frekwenza tal-verifika</b>
Perċentwali ta' kontrolli tal-konformità trattati fil-perjodu legali.	100%	Rapport intern kull tliet xhur
Perċentwali ta' proposti ta' ttestjar eżaminati fil-perjodu legali.	100%	Rapport intern kull tliet xhur
Perċentwali ta' abbozzi ta' deċiżjonijiet aċċettati b'mod unanimu mill-MSA.	90%	Rapport intern annwali
Numru ta' appelli mitlufa.	0	Rapport intern annwali

### **3. Azzjonijiet prinċipali**

- Inbdiet jew tlestiet evalwazzjoni għal sa 500 faxxiklu (kontrolli tal-konformità u proposti ta' ttestjar).
- Tlestew 350 evalwazzjoni ta' faxxiklu li wasslu għal abbozz ta' deċiżjoni, osservazzjoni tal-kwalità jew l-ebda azzjoni oħra.
- L-ewwel abbozz ta' Pjan ta' Azzjoni Rikorrenti tal-Komunità għal evalwazzjoni tas-sustanzi sal-1 ta' Diċembru 2011.
- Aġġornament tal-pjan multiannwali għall-evalwazzjonijiet tal-faxxikli.
- Pubblikazzjoni tar-rapport annwali dwar l-evalwazzjoni kif mitlub mir-Regolament REACH.
- Tkompli tal-bini tal-kapaċità u tal-għerf għall-evalwazzjoni tal-faxxikli, fosthom l-integrazzjoni ta' persunal addizzjonali, l-implimentazzjoni ta' programmi speċifiċi ta' taħriġ u seminars dwar suġġetti magħżula fl-oqsma tat-tossikoloġija, l-eko-tossikoloġija u l-valutazzjoni tal-espożizzjoni.
- Aktar żvilupp u użu tan-netwerk ta' esperti esterni sabiex jipprovdi kompetenza esperta xjentifika aġġornata fil-proċessi ta' evalwazzjoni.

### **Attività 3: Awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet**

#### **1. Sfidi prinċipali fl-2011**

##### ***Awtorizzazzjoni***

B'riżultat tad-dikjarazzjonijiet ta' politika magħmula mill-Viċi President tal-Kummissjoni u l-Kummissarju għall-Industrija u l-Intrapriża Antonio Tajani u l-Kummissarju għall-Ambjent Janez Potočnik dwar l-awtorizzazzjoni, matul iż-żjara tagħhom fl-ECHA f'Marzu 2010, huwa probabbli li fl-2011 se jaslun għand l-ECHA numru konsiderevolment akbar ta' faxxikli dwar SVHC milli fis-snin ta' qabel sad-dati tal-għeluq miftiehma għas-sottomissjoni fi Frar u f'Awwissu.

Il-Kummissarji, fost l-oħrajn, qablu li d-dokument ta' gwida dwar l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għandu jiġi emendat u finalizzat billi tingħata iżjed ċarezza dwar ir-rwol tas-sostituzzjoni u l-analiżi tal-alternattivi fil-proċess tal-awtorizzazzjoni. Huma qablu wkoll dwar ir-reviżjoni tal-kriterji PBT u vPvB (abbozz ta' proposta għar-reviżjoni tal-Anness XIII ta' REACH) fejn indikaw li l-informazzjoni kollha disponibbli għandha tiġi kkunsidrata fi ndan approċċ hekk imsejjaħ tal-'piż tal-evidenza' meta jiġi valutat jekk is-sustanzi jissodisfawx dawn il-kriterji. Barra minn hekk, il-Kummissarji qablu li jeħtieġ li jiġihaffef il-pass li bih is-SVHCs għandhom jiġu identifikati u inklużi fil-lista ta' kandidati, u bdew diskussjonijiet mal-Istati Membri u l-ECHA dwar pjan sabiex jiżjed b'mod sostanzjali n-numru ta' faxxikli li għandhom jiġu żviluppjati matul il-ftit snin li ġejjin.

L-ipproċessar tal-faxxikli dwar SVHC eventwalment se jwassal għal aġġornamenti tal-lista ta' kandidati sa nofs is-sena u ftit qabel l-aħħar tas-sena. L-ECHA infurmat lill-Kummissjoni li hija tista' tipprepara 15-il faxxiklu fuq perjodu ta' sentejn u nofs u se tgħin lill-Kummissjoni biex tidentifika l-aħjar kandidati possibbli. L-ECHA se tipprovdi wkoll taħriġ għall-Istati Membri dwar kif jippreparaw faxxikli skont l-Anness XV għas-SVHCs biex tiffaċilita s-sottomissjoni ta' faxxikli ta' kwalità tajba mill-akbar numru ta' Stati Membri possibbli.

Fl-2011, bil-kundizzjoni li numru suffiċjenti ta' sustanzi ġodda jkun daħlu fil-lista ta' kandidati, l-ECHA se tibda proċess ġdid ta' ffixar tal-prijoritajiet, li eventwalment iwassal għal rakkomandazzjoni ġdida għall-inklużjoni ta' sustanzi fl-Anness XIV ta' REACH (lista ta' sustanzi suġġetti għal awtorizzazzjoni, jew "lista ta' awtorizzazzjoni") li se tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-aħħar tal-2011.

Dwar l-immaniġġjar tal-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni fl-2011, l-ECHA se tiffinalizza u tirrazzjonalizza l-proċeduri, il-formati u l-gwida/manwali (tekniki) li nbdeu fl-2010. Għalkemm għad hemm inċertezza dwar meta l-industrija se tissottometti l-ewwel applikazzjonijiet tagħha għal awtorizzazzjoni, huwa mistenni li xi wħud minn dawn se jaslun matul l-2011, wara l-pubblikazzjoni tal-ewwel lista ta' awtorizzazzjoni fil-bidu tal-2011. L-isfida tal-ECHA se tkun li timmaniġġja b'suċċess dawn l-applikazzjonijiet fiż-żmien limitat disponibbli, u għas-Segretarjat, l-isfida se tkun li jipprovdi appoġġ ta' kwalità għolja lir-RAC u s-SEAC sabiex jiżviluppaw l-opinjonijiet tagħhom b'mod koerenti.

##### ***Restrizzjonijiet***

Fl-2011, se tkun tlestiet il-konsultazzjoni pubblika dwar erba' faxxikli ta' restrizzjoni<sup>4</sup>. Is-Segretarjat tal-ECHA se jkompli jipprovdi appoġġ ta' kwalità għolja u fil-ħin lir-RAC u s-SEAC hekk kif dawn jiżviluppaw l-opinjonijiet tagħhom. L-opinjonijiet huma skedati li jiġu

<sup>4</sup> Dawn il-proposti jirrigwardaw (1) l-użu tad-Dimethylfumarate f'oġġetti trattati, (2) iċ-ċomb u l-komposti tiegħu fil-ġojjellerija, (3) il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' komposti tal-Phenylmercury u (4) it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-merkurju għall-isfigmomanometri u strumenti oħra ta' kejl fil-kura tas-saħħa u f'użi oħra professjonali u industrijali.

adottati lejn il-ħarifa tal-2011. Wara dan, l-ECHA se tissottometti l-opinjonijiet, mal-informazzjoni ta' sfond rilevanti, lill-Kummissjoni għad-deċiżjoni finali.

Fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba bl-ewwel faxxikli ta' restrizzjoni, l-ECHA se ttejjeb aktar l-effiċjenza u l-effikaċja tal-proċeduri ta' mmaniġġjar tal-faxxikli u, jekk ikun rilevanti, ittejjeb (partijiet tal-)gwida u l-formati. L-ECHA tistenna li jiġu sottomessi għaxar proposti oħra ta' restrizzjoni fl-2011.

Fl-2011, l-ECHA se tiżviluppa qafas għall-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet ta' restrizzjoni (eż. fuq CMRs f'oġġetti għall-konsumaturi jew sustanzi tal-Anness XIV f'oġġetti (impurtati) bil-għan li jintlaħaq ftehim mal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar pjan ta' ħidma għall-iżvilupp ta' faxxikli ta' restrizzjoni skont l-Anness XV għal sustanzi li għalihom ikun għie identifikat tħassib (eż. b'riżultat tal-eżami tal-faxxikli ta' restrizzjoni li jidħlu).

### ***Attivitajiet oħra marbuta mal-attivitajiet Komunitarji għall-ġestjoni tar-riskji***

Għall-proċessi kemm ta' awtorizzazzjoni kif ukoll ta' restrizzjoni, l-ECHA se tkompli torganizza avvenimenti ta' taħriġ u workshops u tipprovdi parir lill-Istati Membri dwar kif iwettqu l-kompiti tagħhom fil-preparazzjoni ta' faxxikli skont l-Anness XV għal sustanzi ta' tħassib kbir ħafna jew għar-restrizzjonijiet, u dwar kif jipproċessaw il-kummenti li jirċievu waqt il-konsultazzjonijiet pubbliċi. L-ECHA se tkompli tipprovdi wkoll appoġġ u taħriġ lill-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri, sabiex iżżid l-għarfien tal-applikazzjoni prattika tal-Valutazzjoni Soċjo-Ekonomika u sabiex tipprovdi iżjed gwida dwar l-għażla tal-aħjar Opzjonijiet ta' Ġestjoni tar-Riskju għas-SVHCs u sustanzi oħra li għalihom tkun ikkunsidrata neċessarja ġestjoni tar-riskju. Hemm bżonn ukoll li tiġi sostnuta l-industrija sabiex ikun assigurat fehim tajjeb tal-obbligi tagħhom fir-rigward tal-proċessi ta' restrizzjoni u awtorizzazzjoni, u tal-possibbiltajiet tagħhom u ta' partijiet terzi sabiex jikkontribwixxu b'mod effettiv għalihom.

Fl-2010, l-ECHA bdiet tanalizza fid-dettall l-interkonnessjonijiet bejn REACH u xi bċeġjeċ oħra ta' leġislazzjoni tal-UE (eż. IPPC, direttivi dwar il-WFD, leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema, leġislazzjoni speċifika għall-prodott) bil-għan li tiżviluppa relazzjonijiet iżjed mill-qrib mas-servizzi responsabbli ta' politika u l-organizzazzjonijiet eżekuttivi rilevanti (eż. Aġenziji, bureau tal-IPPC). Permezz ta' dawn il-kuntatti, l-ECHA għandha tkun f'pożizzjoni aħjar sabiex tispjega kif l-informazzjoni rilevanti li toħroġ mill-proċessi ta' REACH tista' tintuża b'mod effettiv minn oħrajn. Bl-istess mod, dan għandu jippermetti lill-ECHA li tipprovdi appoġġ aħjar lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni matul id-diskussjonijiet tagħhom dwar l-opzjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju, kif ukoll lir-RAC u s-SEAC tal-ECHA waqt il-valutazzjoni tagħhom tal-proposti ta' awtorizzazzjoni jew restrizzjoni. Barra minn hekk, lejn l-aħħar tas-sena l-ECHA għandha l-ħsieb li torganizza workshop mal-Kummissjoni dwar l-interface bejn ir-Regolament REACH u l-leġislazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Fl-2011, l-ECHA se tkompli l-attivitajiet tagħha sabiex ittejjeb l-għarfien tagħha tal-metodoloġiji u l-istimi tal-impatt tar-riskji identifikati fuq is-saħħa u l-ambjent, eż. permezz ta' fehim aħjar tal-popolazzjoni fir-riskju. Dan għandu jżid il-kapaċità li jiġu valutati l-benefiċċji għas-saħħa u l-ambjent, tal-użu ta' sustanzi kimiċi u teknoloġiji alternattivi, fil-kuntest tal-analiżijiet soċjo-ekonomiċi. L-ECHA se tiżviluppa wkoll metodoloġiji u tiġbor stimi tas-snin ta' ħajja aġġustati għad-diżabilità/kwalità u r-rieda ta' ħlas sabiex jiġu evitati impatti negattivi fuq is-saħħa mis-sustanzi. Barra minn hekk, l-ECHA se tibda attività ġdida sabiex iżżid l-għarfien u l-kapaċità tagħha li tistma l-ispejjeż tat-tnaqqis u spejjeż oħra relatati mar-restrizzjoni jew in-nuqqas ta' awtorizzazzjoni tal-użu tas-sustanzi.

## 2. Għanijiet u Indikaturi

### Għanijiet

#### i). Awtorizzazzjoni

1. Tiġi ppreparata lista ta' kandidati aġġornata ta' sustanzi ta' tħassib kbir ħafna (SVHCs) fi żmien ħames xhur minn meta l-ECHA tirċievi l-faxxikli mingħand l-Istati Membri, jew il-finalizzazzjoni tal-faxxikli ppreparati mill-ECHA fuq talba tal-Kummissjoni.
2. L-ECHA tipprovdi appoġġ ta' kwalità teknika u xjentifika għolja, u fil-perjodu legali, lill-Kummissjoni, fl-għażla tas-sustanzi mil-lista ta' kandidati għal awtorizzazzjoni u fil-proċess tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.
3. L-ECHA timmaniġġja b'mod adegwat u effiċjenti l-proċess tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni fil-perjodu legali.

#### ii). Restrizzjonijiet

1. L-ECHA tipprepara proposti ta' restrizzjoni fuq talba tal-Kummissjoni u timmaniġġja l-faxxikli kollha fil-proċess ta' restrizzjoni b'livell għoli ta' kwalità xjentifika u teknika u fil-perjodu legali.

### Indikaturi tal-Prestazzjoni u Miri

<b>Indikatur</b>	<b>Mira fl-2011</b>	<b>Mezz u frekwenza tal-verifika</b>
Perċentwali ta' faxxikli dwar SVHC trattati fil-perjodu legali.	100%	Rapport intern kull tliet xhur
Perċentwali ta' faxxikli ta' restrizzjoni trattati fil-perjodu legali.	100%	Rapport intern kull tliet xhur
Perċentwali ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni trattati fil-perjodu legali.	100%	Rapport intern kull tliet xhur
Livell ta' sodisfazzjon tal-Kummissjoni, il-MSACAs u l-Kumitati tal-ECHA bil-kwalità tal-appoġġ xjentifiku, tekniku u amministrattiv li jingħata.	Għoli	Stħarriġ annwali

## 3. Azzjonijiet prinċipali

- Ippubblikati żewġ aġġornamenti tal-listi ta' kandidati.
- Fuq talba tal-Kummissjoni, ippreparati faxxikli skont l-Anness XV għal sustanzi ta' tħassib kbir ħafna.
- Skont id-disponibbiltà ta' sustanzi ġodda fil-lista ta' kandidati, tfejjiha tas-sottomissjoni ta' rakkomandazzjoni ġdida għall-inklużjoni ta' SVHCs fil-lista ta' awtorizzazzjoni (Anness XIV).
- Rapporti tal-konformità dwar faxxikli skont l-Anness XV prodotti u ppreżentati lill-Kumitati għall-formulazzjoni ta' opinjoni.
- Jekk jintalbu mill-Kummissjoni, jiġu ppreparati u ppreżentati lill-Kumitati għall-formulazzjoni ta' opinjoni, faxxikli ta' restrizzjoni skont l-Anness XV.

- Appoġġ ta' kwalità għolja u fil-ħin ipprovdut mis-Segretarjat lir-REC u s-SEAC għall-iżvilupp ta' opinjoni dwar proposti ta' restrizzjoni u applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni.
- Stabbilit reġistru tan-notifiki mill-utenti downstream tal-użu ta' tagħhom tas-sustanzi awtorizzati, u mogħti aċċess għal din id-database lill-MSAs.
- Stabbilit qafas dwar l-identifikazzjoni ta' riżultati ta' restrizzjoni.
- Stabbilita database tal-użu ta' sustanzi alternattivi.
- Avvenimenti ta' taħriġ, workshops u pariri mogħtija lill-Istati Membri sabiex jgħinuhom iwettqu l-kompiti ta' tagħhom fil-preparazzjoni ta' faxxikli skont l-Anness XV u sabiex jirrispondu għall-kummenti li jirċievu matul il-konsultazzjonijiet pubbliċi.
- Workshop dwar l-interface bejn ir-Regolament REACH u l-leġislazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

## **Attività 4: Klassifikazzjoni u Tikkettjar (C&L)**

### **1. Sfidi prinċipali fl-2011**

#### ***Inventarju tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikettjar (Inventarju ta' C&L)***

Il-klassifikazzjoni tirrifletti l-perikli tas-sustanzi kimiċi, u l-ittikkettjar jgħin sabiex ikun żgurat li s-sustanzi u t-taħlitiet jiġu mmanifatturati, użati u mormija mingħajr periklu.

Għall-2011, l-isfida prinċipali se tkun li jiġi stabbilit u aġġornat l-inventarju ta' C&L għas-sustanzi kimiċi. Id-data tal-għeluq għan-notifiki tas-sustanzi fis-suq hija t-3 ta' Jannar 2011, iżda anki wara din id-data se jiġu ppreżentati notifiki lill-ECHA sabiex taġġorna notifiki preċedenti, jew sabiex tinkludi sustanzi mqiegħda biss fis-suq wara l-1 ta' Diċembru 2010. L-ECHA se tibda tanalizza wkoll l-informazzjoni fl-inventarju u tippubblika verżjoni inizzjali tal-informazzjoni mhux kunfidenzjali sa nofs l-2011.

Notifikaturi differenti jistgħu jindikaw klassifikazzjonijiet differenti għall-istess sustanza. In-notifikaturi mbagħad iridu jagħmlu kull sforz sabiex jaslu għal ftehim dwar il-C&L tas-sustanza. L-ECHA se tanalizza x'possibiltajiet prattiċi għandha sabiex issostni dan l-għan u tibda l-attivitajiet meħtieġa.

#### ***Immaniġġjar tal-proposti għal Klassifikazzjoni u Tikkettjar (C&L) armonizzati***

L-ECHA tikkalkula li tirċievi u/jew tipproċessa sa 90 proposta għall-armonizzazzjoni tal-C&L ta' sustanzi, li jwasslu għal opinjonijiet tar-RAC dwar il-klassifikazzjoni proposta. L-ECHA se tkompli l-kooperazzjoni tagħha mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel sabiex tistabbilixxi proċeduri li jippermettu li l-opinjoni dwar il-C&L armonizzati tiġi żviluppata għas-sustanzi attivi fi Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti (PPP), fil-perjodi stretti għall-awtorizzazzjoni tal-PPP.

#### ***Evalwazzjoni tat-talbiet għall-użu ta' ismijiet kimiċi alternattivi***

L-ECHA hija responsabbli wkoll sabiex timmaniġġja t-talbiet għall-użu ta' ismijiet kimiċi alternattivi. Il-kumpaniji jistgħu jitolbu l-użu ta' isem kimiku alternattiv għal sustanza f'taħlita sabiex jiproteġu informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali.

Se jiġu stabbiliti proċeduri ta' ħidma għall-immaniġġjar tat-talbiet mill-industrija għall-użu ta' ismijiet kimiċi alternattivi. Se tiġi finalizzata l-preparazzjoni tal-manwali u l-gwida, u n-numru modest ta' talbiet li huma mistennija li jaslu fl-2011 se jiġu eżaminati fil-perjodu legali.

### **2. Għanijiet u Indikaturi**

#### **Għanijiet**

1. Il-proposti kollha għal C&L armonizzati ppreżentati mill-MSAs u l-industrija jiġu pproċessati fil-perjodu legali u b'livell għoli ta' kwalità xjentifika.
2. Kwalunkwe talba għall-użu ta' isem kimiku alternattiv tiġi pproċessata fil-perjodu legali.

## Indikaturi tal-Prestazzjoni u Miri

<b>Indikatur</b>	<b>Mira fl-2011</b>	<b>Mezz u frekwenza tal-verifika</b>
Perċentwali ta' proposti għal C&L armonizzati li jiġu pproċessati fil-perjodu legali.	100%	Rapport intern kull tliet xhur
Perċentwali ta' talbiet għall-użu ta' isem kimiku alternattiv li jiġu pproċessati fil-perjodu legali.	100%	Rapport intern kull tliet xhur
Livell ta' sodisfazzjon tal-MSACAs u tar-RAC bil-kwalità tal-appoġġ xjentifiku, tekniku u amministrattiv li jingħata.	Għoli	Sfħarriġ annwali

### **3. Azzjonijiet prinċipali**

- Għoti ta' appoġġ fil-ħin, ta' kwalità xjentifika għolja, kemm lil dawk li jissottomettu proposti għal C&L armonizzati, kif ukoll lir-RAC u lir-rapporteurs tiegħu sabiex jiżviluppaw opinjonijiet, u ta' dokumenti ta' sfond xjentifiku għal dawn il-proposti.
- In-notifiki kollha li jaslu sat-3 ta' Jannar 2011 jiġu inklużi fl-inventarju tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar sa nofs l-2011.
- Pubblikazzjoni tal-Inventarju ta' C&L ibbażat fuq in-notifiki li jaslu sad-data tal-għeluq tat-3 ta' Jannar 2011.
- Jiġu evalwati t-talbiet għall-użu ta' ismijiet kimiċi alternattivi u jittieħdu d-deċiżjonijiet.



## **Attività 5: Parir u assistenza permezz ta' gwida u l-helpdesk**

### **1. Sfidi prinċipali fl-2011**

Fl-2011, l-għoti ta' parir tekniku u xjentifiku permezz ta' attivitajiet ta' gwida u tal-helpdesk se jiġi inkwadrat mill-ġdid u simplifikat fuq il-bażi tat-tagħlimiet miksuba mill-ewwel dati tal-għeluq għar-reġistrazzjoni u n-notifiki.

Matul l-2011, il-Helpdesk tal-ECHA se jkompli jipprovdi appoġġ f'waqt u ta' kwalità għolja lill-industrija dwar REACH u CLP, billi jiffoka, b'mod partikolari, fuq l-għoti ta' parir dwar il-proċessi imminenti ta' REACH dwar l-evalwazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjonijiet. Se tingħata attenzjoni speċjali lill-SMEs minħabba d-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni li jmiss, li għaliha t-tkabbir tal-għarfien u l-informazzjoni dwar l-obbligi se jkunu elementi importanti sabiex il-kumpaniji jiġu megħjuna jippreparaw sewwa. Il-Helpdesk se jintensifika wkoll l-attivitajiet tiegħu ta' koordinazzjoni tal-HelpNet, in-netwerk ta' helpdesks nazzjonali dwar REACH u CLP, u l-użu tal-għodda tiegħu għall-iskambju ta' informazzjoni (HelpEx) kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' tweġibiet armonizzati permezz tal-pubblikazzjoni tal-FAQs.

L-għoti ta' pariri lill-industrija u lill-awtoritajiet permezz ta' gwida mill-ECHA kienet biċċa xogħol operattiva tal-Aġenzija mill-bidu tagħha u se jkompli jkun prijorità. B'mod partikolari, l-2011 se tkun iddedikata prinċipalment għall-integrazzjoni tal-esperjenzi miksuba mill-ewwel snin ta' attivitajiet ta' gwida filwaqt li jiġu finalizzati u konklużi l-aġġornamenti mibdija fl-2010. Se ssir enfasi speċjali wkoll sabiex ikun assigurat li dawk id-dokumenti ta' gwida li jkunu meħtieġa għad-dati tal-għeluq li ġejjin (bħall-aġġornament tal-gwida dwar ir-reġistrazzjoni) ikunu aċċessibbli, b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-SMEs, fi 22 lingwa uffiċjali tal-UE<sup>5</sup>. L-ECHA se tikkomunika l-iskedi tagħha għall-ippjanar tal-gwida lill-partijiet interessati.

### **Helpdesk**

Huwa mistenni li l-ħtieġa ta' appoġġ mill-helpdesk għall-mistoqsijiet imqajma mill-industrija u l-helpdesks nazzjonali fl-2011, filwaqt li iżjed baxxa milli fl-2010, se tkun ferm aktar wiesgħa fil-firxa tagħha u iżjed kumplessa milli fil-perjodu 2009-2010. Il-mistoqsijiet relatati mar-Regolament REACH huma mistennija li jirreferu dejjem aktar għall-proċessi imminenti ta' evalwazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjoni, filwaqt li huma mistennija li jiżdiedu l-mistoqsijiet dwar ir-Regolament CLP.

Il-volum tax-xogħol tal-Helpdesk tal-ECHA se jkun determinat ukoll mill-istrumenti ġodda li ġew żviluppati tal-IT u l-funzjonalitajiet ġodda fl-istrumenti eżistenti tal-IT li huma meħtieġa għas-sottomissjoni tad-dejta (eż. aġġornamenti ta' REACH-IT, IUCLID 5, CHESAR, eċċ).

L-attivitajiet ippjanati tal-helpdesk se jikkonsistu wkoll fl-għoti ta' appoġġ u koordinazzjoni mill-ECHA lill-HelpNet, in-netwerk ta' helpdesks nazzjonali dwar REACH u CLP. Wara l-konsolidament tiegħu fl-2010 bl-integrazzjoni tal-helpdesks nazzjonali dwar il-CLP, il-HelpNet issa jrid jintegra fix-xogħol tiegħu mhux biss l-esperjenzi miksuba mill-ewwel dati tal-għeluq għar-reġistrazzjoni u n-notifiki iżda jkun ippreparat ukoll sabiex jipprovdi tweġibiet armonizzati dwar suġġetti ġodda relatati mal-proċessi ta' REACH u CLP bħalma huma l-evalwazzjoni, l-awtorizzazzjoni, ir-restrizzjoni u l-ittikkettjar, fost l-oħrajn.

### **Gwida**

Fil-bidu tal-2011, l-ECHA se jkollha jew tibda l-pubblikazzjoni ta' gwida (aġġornamenti) wara l-moratorju tat-tieni nofs tal-2010.

---

<sup>5</sup> Traduzzjonijiet mill-Ingliż huma pprovdu fil-lingwi uffiċjali kollha ħlief l-Irlandiż.

Qabel ma taġġorna dokumenti oħra ta' gwida jew tiżviluppa gwida ġdida, il-prijorità fl-2011 se tingħata lill-implimentazzjoni tal-esperjenza miġbura mill-ECHA matul dawn l-añħar sentejn fl-għoti ta' parir permezz ta' gwida lill-partijiet interessati. B'mod partikolari, se ssir analiżi tat-tagħlimiet miksuba mill-ewwel dati tal-għeluq għar-reġistrazzjoni u n-notifiki u kif dawn għandhom jiġu applikati għall-iżvilupp ulterjuri ta' dokumenti ta' gwida, b'enfasi speċjali fuq is-simplifikazzjoni tal-gwida dwar ir-reġistrazzjoni. Barra minn hekk, se jkun disponibbli ppjanar ta' iżjed attivitajiet ta' gwida b'kalkoli taż-żmien bil-għan li l-gwida tiġi ppubblikata f'perjodi speċifiċi (eż. massimu ta' tlieta sa erba' darbiet fis-sena). L-ECHA se tikkunsidra wkoll il-kummenti mill-partijiet interessati tagħha meta tistabbilixxi l-prijoritajiet fl-ippjanar tagħha.

Il-ġbir ta' kummenti mill-partijiet interessati rilevanti u mill-utenti tal-gwida se jiġi strutturat u analizzat qabel ma jinbeda aġġornament ta' gwida jew gwida ġdida. Is-sorsi possibbli li qed jiġu kkunsidrati jinkludu l-kummenti pprovduti permezz ta' mistoqsijiet indirizzati lill-helpdesk tal-ECHA (eż. permezz tal-formola fuq l-internet fuq is-sit elettroniku tal-ECHA) jew permezz ta' kwalunkwe kanal ieħor, (bħalma huma l-kuntatti diretti mal-partijiet interessati u, b'mod partikolari, l-SMEs).

Se ssir enfasi fuq it-titjib tal-aċċessibbiltà tal-gwida permezz ta' reviżjoni tal-paġni web ta' gwida fuq is-sit elettroniku l-ġdid tal-ECHA – li hija mistennija fl-2011 – kif ukoll fuq il-provvediment ta' informazzjoni mmirata b'mod partikolari lejn l-SMEs (folji ta' fatti), gwida fil-qosor, gwidi prattiċi, manwali, eċċ. fi 22 lingwa uffiċjali tal-UE).

Barra minn hekk, l-ECHA se tkompli tipprovidi parir lill-industrija u lill-awtoritajiet permezz ta' dokumenti ta' gwida, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċessi ta' evalwazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet. L-ECHA se tapplika wkoll ir-riżultati tal-ħidma tal-Kummissjoni u ta' żviluppi oħra rilevanti dwar in-nanomaterjali biex tniedi aġġornament tal-gwida dwar il-ħtiġijiet ta' informazzjoni u l-valutazzjoni tas-sigurtà kimika malli jkunu disponibbli tali riżultati ta' kwalità xierqa u jkunu ġew ikkonsultati l-partijiet ikkonċernati.

### ***Taħriġ dwar REACH***

L-avvenimenti ta' taħriġ dwar kwistjonijiet relatati ma' REACH se jkomplu jiġu organizzati fl-2011 b'enfasi fuq proċessi imminenti bħalma huma l-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni. L-attivitajiet ta' taħriġ dwar kwistjonijiet relatati mal-istrumenti tal-IT u CLP se jiġu msaħħa u jkunu mmirati b'mod partikolari lejn in-netwerk tal-helpdesks nazzjonali (HelpNet).

Minbarra li tipprovidi appoġġ permezz ta' taħriġ lill-awtoritajiet u lill-industrija, l-2011 se tara wkoll lill-Aġenzija torganizza, safejn ikun possibbli, attivitajiet ta' taħriġ maħsuba għal udjenzi aktar wiesgħa, bħall-MSCas, pajjiżi terzi u oħrajn, responsabbli mill-implimentazzjoni tal-leġislazzjonijiet, bil-għan li jinkisbu standards komuni ta' implimentazzjoni għal REACH u CLP. Bi-użu ta' strumenti on-line (bħal webinars, tutorials bil-vidjo, eċċ.) jew mezzi oħra teknoloġiċi, se tkun żgurata kopertura aktar wiesgħa tal-attivitajiet.

## **2. Għanijiet u Indikaturi**

### **Għanijiet**

1. L-industrija tirċievi appoġġ f'waqtu u effiċjenti mill-Helpdesk, u permezz ta' dokumenti ta' gwida ta' kwalità għolja, biex twettaq l-obbligi tagħha skont REACH u CLP.
2. Jiġi pprovdut appoġġ għall-implimentazzjoni ta' REACH u CLP fl-Istati Membri tal-UE/ŻEE permezz tat-taħriġ ta' min iħarreġ.

## Indikaturi tal-Prestazzjoni u Miri

Indikatur	Mira fl-2011	Mezz u Frekwenza tal-Verifika
Perċentwali ta' mistoqsijiet solvuti mill-Helpdesk imwieġba fil-perjodu stabbilit (15-il ġurnata tax-xogħol).	Mhux inqas minn 75%	Business Object report / kull xahar
Numru ta' aġġornamenti tal-FAQ maqbula mal-HelpNET u ppubblikati fuq il-web.	Mill-anqas 3	Rapport annwali
Perċentwali ta' risposti b'kummenti pprovduti mill-ECHA għal mistoqsijiet sottomessi lill-HelpEx mill-helpdesks nazzjonali, fil-perjodu stabbilit mill-oriġinatur tal-mistoqsija.	Mhux inqas minn 75%	Business Object report / kull xahar
Perċentwali ta' dokumenti ta' gwida ppubblikati fuq il-web skont il-pjan.	Mhux inqas minn 75%	Rapport annwali
Livell ta' sodisfazzjon espress f'kummenti mill-utenti tal-gwida.	Għoli	Sfharriġ annwali
Livell ta' sodisfazzjon bil-kwalità tal-avvenimenti ta' taħriġ dwar REACH.	Għoli	Kummenti mill-parteċipanti / Kull sena

### 3. Azzjonijiet prinċipali

#### Helpdesk

- Approċċ ta' "one-stop shop" għall-appoġġ lill-konsumatur mill-ECHA dwar l-obbligi taħt REACH u CLP, fosthom servizz bit-telefon, li għandu jiġi stabbilit b'mod gradwali.
- Għoti f'waqtu u konsistenti ta' tveġibiet u appoġġ lill-industrija, fejn jiġu spjegati l-obbligi taħt ir-Regolamenti REACH u CLP, l-għodod tal-IT, u l-proċessi relatati mal-ECHA.
- Organizzati żewġ laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tal-HelpNet.
- Organizzati żewġ workshops/sessjonijiet ta' taħriġ immirati b'mod partikolari għall-helpdesks nazzjonali dwar REACH u CLP.
- Aġġornament u pubblikazzjoni ta' FAQs dwar kwistjonijiet relatati ma' REACH u CLP wara identifikazzjoni, diskussjoni u qbil mill-HelpNet.
- Immaniġġjar tal-aġġornament u l-pubblikazzjoni tal-FAQs dwar REACH IT u kontribut għall-aġġornament tal-FAQs dwar IUCLID5.

#### Gwida

- Finalizzazzjoni tal-gwida mibdija fl-2010:
  - Rekwiżiti ta' Informazzjoni u Valutazzjoni tas-Sigurtà Kimika (ambitu tal-valutazzjoni tal-espożizzjoni, addattament ibbażat fuq l-espożizzjoni u kundizzjonijiet strettament ikkontrollati)
  - Folji ta' Dejta dwar is-Sigurtà
  - Applikazzjoni tal-kriterji tal-CLP (għall-ittikkettjar)
- Jinbeda l-aġġornament b'mod partikolari tal-gwida li ġejja:
  - Gwida dwar ir-reġistrazzjoni u kwistjonijiet relatati
  - Identifikazzjoni tas-Sustanzi
  - Qsim ta' dejta
- Tinbeda r-reviżjoni tal-gwida fir-rigward tan-nanomaterjali

- Tiġi organizzata “pjattaforma ta’ diskussjoni” mal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-gwida fil-qafas tal-preparazzjoni tar-reviżjoni tal-ambitu ta’ REACH fl-2012.
- Jiġi aġġornat il-pathfinder tan-Navigator fuq il-web.
- Jiġu ppubblikati iżjed gwida fil-qosor u folji ta’ fatti, gwidi prattiċi u FAQs kif ukoll traduzzjonijiet, sabiex id-dokumenti rilevanti jsiru iżjed aċċessibbli għall-SMEs.

#### Taħriġ dwar REACH

- Aktar żvilupp ta’ taħriġ dwar REACH/CLP għal min iħarreġ fl-Istati Membri tal-UE/ŻEE u f’pajjiżi terzi.

## Attività 6: Għodod xjentifiċi tal-IT

### 1. Sfidi prinċipali fl-2011

L-implimentazzjoni tal-proċessi ta' REACH teħtieġ firxa wiesgħa ta' sistemi tal-IT; l-iżvilupp u l-manutenzjoni ulterjuri tagħhom se tkompli tkun kruċjali għall-operazzjonijiet tal-ECHA. Wara d-dati tal-għeluq regolatorji fl-aħħar tal-2010, l-ECHA se tidħol fl-2011 bl-esperjenza miksuba minn dak ix-xogħol u se tkun f'pożizzjoni li tiżviluppa intensivament u/jew tagħti ħajja għida, fejn ikun xieraq, lis-sistemi eżistenti sabiex tagħmilhom iżjed effiċjenti. Għal dak il-għan, l-ECHA bdiet proġett ta' Arkitettura tal-Intrapriża (EA) fl-2010 sabiex tipprepara l-isfond tagħha tal-IT u roadmap sabiex timplimenta l-pjan fis-snin li ġejjin. Se tingħata attenzjoni sabiex tittejjeb l-integrazzjoni bejn is-sistemi u sabiex tiżdied il-faċilità tal-użu għall-utenti tal-applikazzjonijiet immirati lejn il-partijiet interessati esterni tal-ECHA.

REACH-IT hija u se tibqa' l-applikazzjoni prinċipali tal-Aġenzija. Sa issa, l-iżvilupp tagħha ffoka l-aktar fuq l-iffaċilitar tar-reġistrazzjoni. L-iżvilupp addizzjonali se jikkonċerna ż-żieda fil-livell ta' awtomazzjoni u l-bini ta' interfaces ma' sistemi oħra. Oqsma oħra ta' ħidma se jkunu relatati mal-aġġustament tal-applikazzjoni għal rekwiżiti legali addizzjonali u/jew ġodda, eż. il-ġestjoni tan-notifiki mill-utenti downstream jew l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni.

B'mod kumplimentari għal REACH-IT, sistema ta' Enterprise Content Management (ECM) se tipprovdi appoġġ fundamentali għall-proċessi operattivi tal-ECHA. B'referenza għall-ħidma mibdija fl-2010 sabiex jiġu sostnuti l-evalwazzjoni u l-identifikazzjoni ta' sustanzi ta' proċessi ta' tħassib kbir ħafna, is-sistema tal-ECM se tiġi estiża sabiex issostni proċessi oħra ta' REACH, b'mod partikolari l-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar armonizzati u l-proċessi ta' awtorizzazzjoni, kif ukoll il-ġestjoni tal-kwalità u l-ksib tal-ECHA. Is-sistema se tiġi integrata b'mod sħiħ ma' REACH-IT sabiex tippermetti pproċessar bla żbalji u effiċjenti tal-faxxikli li jidhru. L-implimentazzjoni ta' pjattaforma sigura għall-kollaborazzjoni ma' partijiet interessati esterni, billi tibda mill-Kumitat tal-Istati Membri, se tibda bdil gradwali tas-sistema CIRCA li qiegħda tintuża sabiex tiġi kondiviża informazzjoni kunfidenzjali.

Fl-2011, l-ECHA se tagħmel is-sit elettroniku ta' disseminazzjoni iżjed faċli sabiex jintuża mill-utenti billi tipprovdi aċċess faċli għall-informazzjoni kollha ppubblikata dwar sustanzi kimiċi, billi torbot id-dejta tar-reġistrazzjoni ma' informazzjoni ppreżentata fil-kuntest ta' proċessi differenti mir-reġistrazzjoni. Barra minn hekk, se ssir disponibbli informazzjoni dwar is-sustanzi rreġistrati permezz tal-eChemPortal tal-OECD (Portal Globali għal Informazzjoni dwar is-Sustanzi Kimiċi).

Fir-rigward tas-software immirat biex jgħin lill-industrija fil-preparazzjoni tar-reġistrazzjonijiet, l-ECHA se tkompli tiżviluppa żewġ sistemi prinċipali: IUCLID5, meqjusa bħala għodda internazzjonali għall-ġbir ta' dejta dwar il-proprjetajiet intrinziċi u perikolużi tas-sustanzi kimiċi, u Chesar, għodda mfasla sabiex tgħin lill-kumpaniji jippreparaw xenarji ta' espożizzjoni u jipproduċu r-rapporti tagħhom dwar is-sigurtà kimika. Fl-2011, l-ECHA se taġġorna IUCLID5, f'kuntatt mill-qrib mal-OECD u l-Kummissjoni, billi tintegra templates armonizzati ġodda jew taddatta templates eżistenti għan-nanomaterjali u ttejjeb il-funzjonalità għall-preparazzjoni tal-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni. Chesar se jiġi addattat sabiex isostni l-evalwazzjoni tas-sustanzi u l-ħtiġijiet ta' awtorizzazzjoni fi ħdan l-Aġenzija, u se tissokta l-integrazzjoni ma' għodod oħra eżistenti għall-istima tal-espożizzjoni.

L-ECHA se ttejjeb b'mod sinifikanti l-aċċessibbiltà għall-informazzjoni rilevanti meħtieġa mill-MSAs permezz ta' REACH-IT. Barra minn hekk, l-ECHA se tkompli tipprovdi għodod u informazzjoni għax-xogħol ta' infurzar imwettaq mill-Istati Membri. Biex twettaq dan il-kompitu, l-ECHA bdiet proġett bil-għan li fl-2011 tippubblika portal fejn l-awtoritajiet tal-infurzar ikunu jistgħu jiċċekkjaw l-informazzjoni dwar is-sustanzi rreġistrati fil-pajjiżi

rispettivi tagħhom (l-hekk imsejjaħ strument RIPE). Is-sigurtà tal-informazzjoni għandha rwol importanti fl-arkitettura u l-implimentazzjoni tas-sistema billi jrid jiġi strettament evitat l-iżvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali lil hinn mill-udjenzi maħsuba. Se jingħata taħriġ lill-amministraturi nazzjonali u lil dawk li jħarrġu lill-utenti.

L-ECHA se tiżviluppa ulterjorment ukoll strumenti għall-użu intern tal-ECHA – Casper (għodda għall-istabbiliment tal-prijoritajiet u rappurtar) u Odyssey (sistema ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet għall-attivitajiet ta' evalwazzjoni). Għalkemm Casper hija għodda ġenerika b'firxa wiesgħa ta' funzjonijiet, fl-2011 kemm Casper kif ukoll Odyssey se jiġu żviluppati u jintużaw prinċipalment sabiex isostnu l-attivitajiet ta' evalwazzjoni li se jilħqu l-oġġla punt wara l-ewwel data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni tal-2010. Il-kummenti mill-utenti se jkunu s-sors primarju biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet għal titjib – kemm fl-għodod kif ukoll fid-dokumentazzjoni tagħhom.

## 2. Għanijiet u Indikaturi

### Għanijiet

1. L-ECHA tirċievi u tipproċessa b'suċċess il-faxxikli kollha ta' reġistrazzjoni u n-notifiki ta' C&L bil-għajjnuna ta' REACH-IT aġġornata u li tiffunzjona sewwa.
2. L-għodod speċjalizzati tal-IT (IUCLID5, għodod għas-sottomissjoni ta' C&L u Chesar) u l-manwali mmirati tal-utent u l-workshops għenu b'mod effiċjenti lir-reġistranti sabiex jippreparaw il-faxxikli tagħhom u jissodisfaw l-obbligi legali tagħhom.
3. Għodda avanzata ta' skringing (Casper) u sistema effiċjenti ta' sostenn għad-deċiżjonijiet (Odyssey) qegħdin jappoġġjaw b'mod effiċjenti lill-ECHA fil-mira tagħha li twettaq kontrolli tal-konformità fuq 5% tal-faxxikli għal kull faxxa ta' tunnellaġġ.

### Indikaturi tal-Prestazzjoni u Miri

Indikatur	Mira fl-2011	Mezz u frekwenza tal-verifika
Rata ta' suċċess tal-proġetti f'termini ta' ħin, baġit u ambitu	80%	Kull proġett jiġi evalwat b'ħala parti mill-attivitajiet ta' għeluq tiegħu. Kull tliet xhur jiġu ppreparati rapporti fil-qosor għal segwitu.
Livell ta' sodisfazzjon tal-utenti esterni tal-għodod tal-IT (IUCLID, REACH-IT, Chesar u RIPE).	Għoli	Stħarriġ annwali

## 3. Azzjonijiet prinċipali

- REACH-IT
  - Iddisinjar mill-ġdid tal-arkitettura tal-applikazzjonijiet.
  - Integrazzjoni ta' REACH-IT u tas-sistema ta' Ġestjoni tad-Dokumenti.
  - Titjib fil-flussi tax-xogħol sabiex jiġu mmaniġġjati l-inkjesti, il-valutazzjoni tat-talbiet għall-kunfidenzjalità, il-qsim tad-dejta u d-disseminazzjoni tad-dejta.

- Żvilupp ta' funzjonalitajiet ġodda relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament CLP: talba għal isem alternattiv u sottomissjoni ta' proposta għad-dħul fl-Anness VI mill-Industrija.
- Sit elettroniku ta' disseminazzjoni
  - Informazzjoni mhux kunfidenzjali dwar is-sustanzi mxerrda fil-ħin u b'mod affidabbli, bl-appoġġ ta' sistema mtejba tal-IT.
  - Integrazzjoni mal-eChemPortal (Portal Globali).
  - Funzjonalità mtejba tat-tfittxija.
- IUCLID 5
  - Implimentati templates ġodda armonizzati tal-OECD u/jew funzjonalità ġdida (skont il-prijoritizzazzjoni mill-Panil ta' Esperti dwar IUCLID tal-OECD).
- RIPE
  - L-ewwel verżjoni ta' RIPE tiġi mgħoddija lill-awtoritajiet ta' infurzar tal-Istati Membri fil-bidu tal-2011.
  - Jinbeda żvilupp ulterjuri ta' RIPE, sabiex tinkiseb sistema komprensiva ta' informazzjoni elettronika.
- Sistema ta' Ġestjoni tad-Dokumenti
  - SVHC, eżami tal-proposti ta' ttestjar u kontroll tal-konformità mgħoddija lill-utenti.
  - Mibdija l-implimentazzjoni ta' għażla ta' proċessi oħra. Xi proċessi kandidati huma: l-armonizzazzjoni tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar, u l-awtorizzazzjoni.
- Chesar
  - Għoti ta' strument affidabbli b'dokumentazzjoni ta' sostenn lill-industrija biex twettaq il-valutazzjoni tas-sigurtà.
  - Integrazzjoni ma' sistemi magħżula għall-istima tal-espożizzjoni.
- Casper
  - Provvediment ta' ħażna robusta tad-dejta (eż. skринing, stabbiliment tal-prijoritajiet) u servizzi ta' rappurtaġġ dwar id-dejta tar-reġistrazzjoni.
  - Integrazzjoni ta' għażla ta' sistemi oħra.
- Odyssey
  - Żieda tal-effiċjenza fl-evalwazzjoni tal-faxxikli, b'mod speċifiku għall-membri tal-persunal b'inqas esperjenza.
  - Proċess traċċabbli tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
- Ġenerali
  - Implimentazzjoni ta' qafas teknoloġiku għall-integrazzjoni tal-applikazzjonijiet.
  - Proċessi stabbiliti tal-IT (inċident, problema, bidla, ħruġ, u konfigurazzjoni).
  - Pjanijiet u proċessi ta' manutenzjoni fis-seħħ għal applikazzjonijiet fil-produzzjoni li jkopru l-infrastruttura tal-ICT, is-sostenn għall-applikazzjonijiet, u aktar żvilupp.

## Attività 7: Parir xjentifiku u tekniku lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE

### 1. Sfidi prinċipali fl-2011

Billi tibbenefika mill-informazzjoni vasta għad-dispożizzjoni tagħha wara l-ewwel data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni, l-ECHA se żżid b'mod konsiderevoli l-għarfien tagħha dwar is-sustanzi kimiċi sabiex tkun tista' ttrrispondi aħjar għall-mistoqsijiet xjentifiċi u tekniċi mqajma mill-istituzzjonijiet ta' politika tal-UE.

Fuq il-bażi tal-obbligi ta' rappurtaġġ fir-Regolament REACH, l-ECHA se tfassal l-ewwel rapport ta' ħames snin<sup>6</sup> għall-Kummissjoni dwar l-operat tar-Regolament REACH u, f'dan il-kuntest, se tagħmel ukoll suġġerimenti sabiex tittejjeb il-funzjonalità tar-Regolament. Barra minn hekk, u fuq talba tal-Kummissjoni, l-ECHA se twettaq valutazzjoni tal-vijabilità u l-ħtiġijiet fir-rigward taż-żieda tal-aċċessibilità tal-SMEs għall-komunikazzjoni mal-Aġenzija, fosthom permezz ta' REACH-IT, f'lingwi differenti. Barra dan, l-ECHA se tfassal l-ewwel rapport ta' tliet snin<sup>7</sup> għall-Kummissjoni dwar l-istat tal-implimentazzjoni u l-użu ta' metodi ta' ttestjar mhux bl-annimali u l-istrateġiji ta' ttestjar użati sabiex tiġi ġġenerata l-informazzjoni dwar il-proprjetajiet intrinziċi u biex il-valutazzjoni tar-riskji tilħaq ir-rekwiżiti tar-Regolament REACH, bil-għan li jiġi promoss l-użu ta' metodi alternattivi mir-reġistranti għat-tieni data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni.

Il-kooperazzjoni attiva tal-ECHA mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni se tkompli fl-2011 billi, fost l-oħrajn, tinforma regolarment lill-istituzzjonijiet dwar l-attivitajiet tagħha. Se tissokta l-kooperazzjoni ma' aġenziji u kumitati xjentifiċi oħra Ewropej u fejn ikun meħtieġ, jistgħu jiġu stabbiliti Memoranda ta' Ftehim (MoUs) sabiex jiġi pprovdut qafas iżjed formali għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-ECHA magħhom. Diġà ġew stabbiliti MoUs mal-EFSA u l-EU-OSHA.

Il-kooperazzjoni mal-Istati Membri se tissokta bħala aspekk essenzjali tal-ħidma ta' kuljum tal-Aġenzija. Il-laqgħat tal-Awtoritajiet Kompetenti għal REACH u CLP (CARACAL) se jipprovdu l-pjattaforma prinċipali sabiex jiġu infurmati u kkonsultati l-MSACs.

L-ECHA se tkompli tikkontribwixxi għall-programm ta' linji gwida dwar l-ittestjar tal-OECD u żżid b'mod konsiderevoli s-sostenn tagħha għall-iżvilupp internazzjonali ta' metodi alternattivi ta' ttestjar.

L-ECHA se żżid b'mod sinifikanti l-fehim tagħha tal-periklu, l-espożizzjoni u r-riskji tan-nanomaterjali billi ssegwi b'attenzjoni l-iżviluppi u l-eżiti kollha mill-organizzazzjonijiet tal-UE u internazzjonali, sabiex tkun tista' tipproduċi fil-ħin gwida riveduta fir-rigward tan-nanomaterjali qabel id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni tal-2013. Sat-30 ta' Ġunju, l-ECHA se tikkompila wkoll rapport għall-Kummissjoni Ewropea li jkun fih informazzjoni dwar it-tipi u l-użi tan-nanomaterjali li ġew irreġistrati, sabiex tikkontribwixxi għar-rapport li l-Kummissjoni se tipprepara għall-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, l-ECHA se żżid il-kapaċità xjentifika tagħha sabiex tittratta sustanzi jew aspetti oħra ta' interess kbir, bħalma huma s-sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali jew it-tossiċità tat-taħlitiet.

Il-Kummissjoni qiegħda tippjana li ttipponi t-fassil mill-ġdid tar-Regolament dwar il-PIC, li jipprevedi t-trasferiment tal-kompiti attwalment imwettqa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni lill-ECHA. Dan jista' jimponi kompiti ġodda fuq l-ECHA mill-2013. Sabiex tkun lesta għall-kompiti ġodda, l-ECHA se jkollha tibda t-tnejjiet rilevanti diġà fl-2011 suġġett għad-disponibilità ta' riżorsi addizzjonali magħmula disponibbli mill-Kummissjoni.

<sup>6</sup> Regolament REACH Art. 117.2.

<sup>7</sup> Regolament REACH Art. 117.3.



Il-Kummissjoni pproponiet Regolament ġdid dwar il-Prodotti Bijoċidali<sup>8</sup>, li jipprevedi li l-ECHA se tingħata kompiti amministrattivi, tekniċi u xjentifiċi addizzjonali mill-2013 'il quddiem. L-ECHA se ssegwi l-progress tal-proċess leġislativ dwar ir-Regolament propost, tkompli tippjana sabiex tassumi r-responsabbiltajiet għall-attivitajiet relatati mal-bijoċidi mill-2013 'il quddiem, u tibda l-ewwel attivitajiet sabiex issostni l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni futura jekk tingħata sussidju mill-UE u/jew il-persunal meħtieġ. It-tnejn jiet jistgħu jinkludu l-bidu tal-iżvilupp ta' gwida, l-identifikazzjoni tal-iżvilupp meħtieġ tal-IT, u l-iżvilupp tal-flussi tax-xogħol.

## 2. Għanijiet u Indikaturi

### Għanijiet

1. L-ECHA tejbet il-kapaċità tagħha sabiex tippovdi parir xjentifiku u tekniku dwar is-sigurtà tas-sustanzi kimiċi; in-nanomaterjali u l-metodi ta' ttestjar.
2. L-ECHA tippovdi rapporti f'waqthom, ta' kwalità għolja, li jgħinu lill-Kummissjoni sabiex tivvaluta u ttejjeb il-funzjonalità tar-Regolament REACH u sabiex tippromwovi d-disponibbiltà ta' metodi ta' ttestjar mhux bl-annimali (Art 117).

### Indikaturi tal-Prestazzjoni u Miri

Indikatur	Mira fl-2011	Mezz u frekwenza tal-verifika
Livell ta' sodisfazzjon bil-kwalità tal-appoġġ xjentifiku, tekniku u amministrattiv mogħti lill-Kummissjoni.	Għoli	Stħarriġ annwali
Provvediment f'waqtu tar-rapporti skont REACH Art. 117.	1 ta' Ġunju 2011	Rapport intern

## 3. Azzjonijiet prinċipali

- Rapport ta' ħames snin dwar l-operat tar-regolament REACH (Art. 117.2).
- Rapport ta' tliet snin dwar l-istat tal-implimentazzjoni u l-użu ta' metodi ta' ttestjar mhux bl-annimali u l-istrateġiji ta' ttestjar (Art 117.3).
- Opinjonijiet xjentifiċi bi tweġiba għal mistoqsijiet tal-Kummissjoni Ewropea jew tal-Parlament Ewropew.
- Input xjentifiku u tekniku lill-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill u l-Parlament sabiex isostni l-proċedura ta' kodeċiżjoni dwar il-bijoċidi u t-tnejn ta' regoli implimentattivi mill-Kummissjoni, fosthom Regolament ġejjieni dwar il-Miżati fuq il-Bijoċidi.
- Tnejn intern importanti għall-kompiti futuri mnedija dwar il-bijoċidi u l-PIC (fosthom p.e. roadmap dettaljata għall-fażi preparatorja, disinn tal-flussi tax-xogħol mibdija, u pjan għad-dokumenti ta' gwida neċessarji).
- Rapport ikkompilat għall-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju b'informazzjoni dwar in-nanomaterjali rreġistrati.

<sup>8</sup> COM(2009)267 12.6.2009.

## ***2. L-organi u l-attivitajiet trasversali tal-ECHA***



## Attività 8: Kumitati u Forum

### 1. Sfidi prinċipali fl-2011

#### ***Kumitat tal-Istati Membri (MSC)***

L-isfida prinċipali għall-MSC hija biex jimmaniġġja volum dejjem akbar ta' xogħol meta l-proċessi ta' REACH li jeħtieġu l-involviment tal-MSC ikunu għaddejjin b'mod parallel. Fl-2011, huma mistennija numru kbir ta' abbozzi ta' deċiżjonijiet li jirriżultaw mill-evalwazzjoni tal-faxxikli (proposti ta' ttestjar u kontrolli tal-konformità) b'riżultat tal-ewwel data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni skont REACH fl-2010 – li wasslet għall-eżami tal-proposti kollha ta' ttestjar u numru ta' kontrolli tal-konformità tas-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali rreġistrati. Il-proposti kollha tal-Istati Membri sabiex jiġu emendati l-abbozzi ta' deċiżjonijiet tal-ECHA se jiġu indirizzati fil-MSC sabiex jintlaħaq qbil unanimu. Fit-ftitxija ta' ftehim fuq l-abbozzi ta' deċiżjonijiet dwar il-proposti ta' ttestjar, il-Kumitat se jikkunsidra opzjonijiet biex jiġu evitati testijiet bla bżonn fuq l-animali. Il-qbil unanimu dwar l-abbozzi ta' deċiżjonijiet dwar kontrolli tal-konformità għandu l-għan li jassigura li l-lakuni rilevanti ta' dejta għall-punti finali differenti tal-periklu jiġu ssodisfati u li r-Rapporti dwar is-Sigurtà Kimika jkopru d-dispożizzjonijiet kollha tal-Anness I tar-Regolament REACH.

Fl-2011, il-proċess ta' evalwazzjoni tas-sustanzi se jibda b'opinjoni tal-MSC dwar il-Pjan ta' Azzjoni Rikorrenti tal-Komunità li jistabbilixxi l-lista ta' sustanzi soġġetti għal eżami ulterjuri tar-riskju mill-Istati Membri maħtura.

Rigward l-identifikazzjoni tas-SVHCs, il-volum tax-xogħol huwa mistenni wkoll li jiżdied fid-dawl tat-tħabbira tal-Kummissjoni li jkollha mira ta' 135 sustanza indirizzati għal identifikazzjoni bħala SVHCs sal-aħħar tal-2012. Lista iżjed estensiva ta' kandidati hija mistennija li taqdi l-ħtiġijiet ta' informazzjoni fir-rigward tal-proprjetajiet PBT/vPvB tas-sustanzi, kif ukoll il-kontenut ta' SVHC fl-oġġetti.

Barra minn hekk, il-MSC se jipprepara l-opinjoni tiegħu dwar it-tielet rakkomandazzjoni tal-ECHA għall-Anness XIV (il-lista ta' awtorizzazzjoni). Wara li l-faxxikli ta' reġistrazzjoni jkunu ġew sottomessi fl-2010, it-tnejn tar-rakkomandazzjoni u tal-opinjoni se tkun appoġġjata b'dejta pprovduta mill-kumpaniji. L-opinjoni tal-MSC dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-ECHA għall-Anness XIV hija importanti għad-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni, billi opinjoni favorevoli tindika l-appoġġ tal-maġġoranza tal-Istati Membri.

Huwa possibbli wkoll li l-MSC jirċievi talbiet għal opinjonijiet *ad hoc*, b'mod partikolari għall-valutazzjoni tal-proprjetajiet PBT/vPvB ta' sustanzi li ma jaqgħux taħt ir-Regolament REACH.

#### ***Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju (RAC)***

Fl-2011, l-isfida prinċipali għar-RAC hija assoċjata maż-żieda sinifikanti fil-volum tax-xogħol tiegħu minħabba n-numru dejjem akbar ta' proposti għal klassifikazzjoni u ttikkettjar armonizzati, restrizzjonijiet, u l-ewwel applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni, li l-Kumitat irid jipproċessa fl-istess ħin. Barra minn hekk, il-Kumitat jista' jintalab jipprovidi diversi opinjonijiet *ad hoc* għall-istituzzjonijiet tal-UE sabiex isostni l-attivitajiet leġislattivi tagħhom.

Iż-żieda fil-volum tax-xogħol tar-RAC se ssejtn b'mod parallel mal-ewwel bidla prinċipali fil-kompożizzjoni tal-Kumitat, billi l-mandat tal-biċċa l-kbira tal-membri se jintemm fil-bidu tal-2011. Fl-interess ġenerali tal-ECHA li tkun assigurata l-kontinwità tax-xogħol tal-Kumitat, hija meħtieġa l-integrazzjoni rapida tal-membri l-ġodda. Jekk il-mandati tal-membri li jservu bħala (ko)rapporteurs ma jiġux imġedda, ikunu meħtieġa soluzzjonijiet *ad hoc*. Billi l-Kumitat diġà se jkun involut fil-proċessi kollha u se jkun jeħtieġ id-disponibbiltà sħiħa tal-kompetenza esperta, hemm sfida addizzjonali sabiex ikun żgurat li l-membri tar-

RAC jirċievu appoġġ adegwat mill-MSCAs u li l-volum tax-xogħol jinqasam sewwa bejn il-membri.

### **Kumitat għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika**

Il-Kumitat se jiddeċiedi fuq l-opinjoni tiegħu dwar l-ewwel erba' proposti ta' restrizzjoni ppreżentati fl-2010, u se jindirizza aktar proposti dwar restrizzjonijiet. Bis-sottomissjoni tal-ewwel applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni, il-volum tax-xogħol tal-Kumitat se jiżdied b'mod rapidu. Barra minn hekk, il-Kumitat jista' jintalab sabiex jimmaniġġja talbiet għal opinjonijiet *ad hoc* mill-istituzzjonijiet tal-UE. Se jsir it-tiġdid tas-sħubijiet jew in-nominazzjoni ta' membri ġodda, hekk kif il-mandat għall-biċċa l-kbira tal-membri tal-Kumitat se jintemm fil-bidu tal-2011.

### **Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar**

Il-Forum qiegħed jikkonċentra biex jarmonizza l-approċċi għall-infurzar permezz ta' applikazzjoni integrattiva tal-leġislazzjonijiet dwar REACH u CLP. Dan huwa mistenni li jinkiseb bl-implimentazzjoni ta' proġetti kkoordinati, l-istabbiliment ta' strateġiji komuni għall-infurzar, il-ftehim ta' metodi biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' konformità, u l-istabbiliment ta' kriterji minimi għall-ispezzjonijiet. Il-Forum se jifformula konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet prattiċi għall-ispetturi li jinfurzar REACH u CLP, fuq il-bażi tal-esperjenza miġbura permezz tal-proġetti kkoordinati ta' infurzar li jirrigwardaw l-infurzar tad-dispożizzjonijiet dwar "ebda dejta – ebda suq" kif ukoll l-obbligi fuq il-formulaturi tat-taħlittiet.

B'mod ġenerali, l-infurzar effettiv tan-notifiki tar-reġistrazzjonijiet u tal-C&L jeħtieġ iżjed appoġġ mis-Segretarjat tal-ECHA lill-Forum. Eżempju importanti ta' appoġġ bħal dan huwa RIPE, strument tal-IT li jipprovdi aċċess lill-ispetturi għal dejta speċifika minn REACH-IT – li l-ewwel verżjoni tiegħu se tinħareġ mill-ECHA fl-2011.

L-ispezzjonijiet konġunti u ż-żjarat ta' studju għandhom jibdeu bħala tip ġdid ta' attività kkoordinata tal-Forum. Dawn se jagħtu lill-membri tal-amministrazzjonijiet parteċipanti l-opportunità li jistudjaw, jaqsmu u jxerrdu għerf u prattiċi tajba. Il-Forum se jintensifika l-attivitajiet relatati mal-infurzar tar-Regolament CLP u jipprepara t-taħriġ għal min iħarreġ. Tista' tiġi stabbilita wkoll kooperazzjoni ma' servizzi oħra, speċjalment is-servizzi doganali. Barra minn hekk, il-Forum u l-ECHA se jiffinalizzaw il-kjarifika tar-rabtiet bejn l-ECHA, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar. Fl-aħħar nett, il-Forum huwa involut fil-proċedura ta' restrizzjoni fejn il-Forum se jagħti parir dwar l-inforzabilità. Il-volum tax-xogħol se jiżdied minħabba l-wasla ta' proposti għal restrizzjonijiet, miġbħuta mill-Istati Membri jew is-Segretarjat tal-ECHA fuq talba tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Forum jista' jintalab sabiex jipprovdi parir *ad hoc* dwar restrizzjonijiet sabiex jappoġġja l-attivitajiet leġislattivi tal-istituzzjonijiet. Barra dan, hija mistennija li tiżdied il-kooperazzjoni u l-qsim ta' informazzjoni mal-Kumitati u s-Segretarjat tal-ECHA, fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar is-sustanzi.

## **2. Għanijiet u Indikaturi**

### Għanijiet

1. Is-Segretarjat se jappoġġja l-ħidma tal-Kumitat b'mod effiċjenti u effettiv sabiex il-Kumitati jkunu jistgħu
  - jirrispettaw il-perjodi mogħtija fil-leġislazzjoni, u
  - jagħtu opinjonijiet xjentifiċi u tekniċi ta' kwalità għolja li jsostnu t-teħid tad-deċiżjoni finali b'mod trasparenti filwaqt li jassiguraw il-kunfidenzjalità neċessarja.

2. Is-Segretarjat se jappoġġja u jiffaċilita l-ħidma tal-Forum b'mod effiċjenti u effettiv u b'manjiera trasparenti sabiex ikun seta' jsaħħaħ u jarmonizza aktar l-infurzar tar-Regolamenti REACH u CLP fl-Istati Membri tal-UE/ŻEE, filwaqt li jassigura l-kunfidenzjalità neċessarja.
3. Il-kunflitti ta' opinjonijiet mal-Kumitati Xjentifiċi ta' korpi oħra tal-Komunità jiġu evitati permezz tal-qsim ta' informazzjoni u bil-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' interess reċiproku.

#### Indikaturi tal-Prestazzjoni u Miri

<b>Indikaturi</b>	<b>Mira fl-2011</b>	<b>Mezz u frekwenza tal-verifika</b>
Perċentwali ta' opinjonijiet/qbil mogħtija fil-perjodu legali.	100%	Rapport intern annwali
Perċentwali ta' qbil unanimu tal-MSK. <sup>9</sup>	Mhux inqas minn 80%	Rapport intern annwali
Perċentwali ta' opinjonijiet tal-Kumitati adottati b'konsens.	Mhux inqas minn 70%	Rapport intern annwali
Grad ta' opinjonijiet tal-Kumitati adottati fid-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni.	Għoli	Rapport intern annwali
Kummenti mill-awtoritajiet ta' infurzar tal-Istati Membri u l-partijiet interessati tal-ECHA dwar il-valur miżjud tal-attivitajiet tal-Forum.	Pożittivi	Stħarriġ annwali
Livell ta' sodisfazzjon tal-Membri u ta' parteċipanti oħra bl-appoġġ (fosthom taħriġ u presidenza) ipprovdut mill-ECHA lill-Kumitati u lill-Forum.	Għoli	Stħarriġ annwali
Livell ta' sodisfazzjon tal-partijiet interessati, l-Awtoritajiet Kompetenti u l-Membri tal-Kumitati bit-trasparenza ġenerali u l-pubblikazzjoni tal-eżiti tal-proċessi tal-Kumitati u l-attivitajiet tal-Forum.	Għoli	Stħarriġ annwali
Seħħ ta' kunflitti tal-opinjonijiet mal-Kumitati Xjentifiċi ta' korpi oħra tal-UE.	F'każijiet ġustifikati sewwa biss	Rapport ta' evalwazzjoni interna

<sup>9</sup> Jirrigwarda l-proċessi ta' Evalwazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni, filwaqt li l-indikatur taħt l-Attività 2 jirrigwarda biss l-Evalwazzjoni.

### 3. Azzjonijiet prinċipali

- 40-60 opinjoni tar-RAC fuq faxxikli dwar klassifikazzjoni u ttikkettjar armonizzati.
- 4 opinjonijiet tar-RAC u s-SEAC dwar proposti ta' restrizzjoni.
- Opinjoni tal-MSC dwar l-iffissar tal-prijoritajiet tas-sustanzi kandidati għall-awtorizzazzjoni.
- L-ewwel opinjoni tal-MSC dwar il-Pjan ta' Azzjoni Rikorrenti tal-Komunità.
- Qbil (jew opinjonijiet) unanimi tal-MSC dwar 40 proposta għall-identifikazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib kbir ħafna u dwar 50 abbozz ta' deċiżjoni dwar proposti ta' ttestjar u kontrolli tal-konformità.
- Qbil fuq approċċi komuni għall-infurzar (rifless fil-konklużjonijiet tal-Forum, dokumenti dwar l-aħjar prattiċi u rapporti oħra), twettiq ta' proġetti ta' infurzar (REACH-EN-FORCE), b'enfasi għal żmien qasir fuq l-obbligi tal-formulaturi tat-taħlitiet, it-taħriġ ta' min jinforza l-CLP, it-tagħlimiet miksuba bl-iskambju ta' informazzjoni u komunikazzjoni bil-għan li jiġi sostnut l-infurzar armonizzat tal-leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi.
- 1-2 avvenimenti ta' taħriġ għall-ħarrieġa nazzjonali tal-ispetturi.
- 2-6 rapporti dwar l-avviż ta' inforzabilità tar-restrizzjonijiet proposti.
- 19-il laqgħa plenarja tal-Kumitati u l-Forum, 20-30 laqgħa tal-Gruppi ta' Fiddma.

## Attività 9: Il-Bord tal-Appell

### 1. Sfidi ewlenin fl-2011

Il-Bord tal-Appell kien stabbilit biex jipprovdi rimedju legali billi jiddeċiedi dwar appelli mressqin minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika affettwata mid-deċiżjonijiet tal-Aġenzija msemmija fl-Artikolu 91 tar-Regolament REACH.

Fl-2011, il-Bord x'aktarx ser jiffaċċja l-ewwel mewġa ta' appelli tiegħu, speċjalment rigward il-kondiviżjoni u l-evalwazzjoni tad-dejta. Fil-fatt, matul l-2011, hija mistennija bidla gradwali għal każijiet ta' appell aktar relatati mal-evalwazzjoni. Dan se jjer jiġi kkunsidrat fl-attivitatiet proattivi tal-ġestjoni tat-tagħrif tal-Bord.

### 2. Obiettivi u Indikaturi

#### Obiettivi

1. Deċiżjonijiet ta' kwalità għolja adottati mill-Bord mingħajr dewmien żejjed.
2. Tinżamm il-fiduċja tal-partijiet interessati fid-dispożizzjonijiet tar-REACH għal rimedju legali.

#### Indikaturi ta' Prestazzjoni u Miri

Indikaturi	Mira fl-2011	Mezzi u frekwenza ta' verifika
Perċentwal ta' każijiet konklużi fil-ħin <sup>10</sup> fil-mira stabbilit għal kull tip ta' appell	90%	Rapport annwali tal-Bord
Perċentwal ta' deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell li jsir appell dwarhom quddiem il-Qorti Ġenerali	Inqas minn 20%	Rapport annwali tal-Bord
Livell ta' fiduċja tal-partijiet interessati fil-proċedura tal-appell.	Għoli	Stħarriġ fost il-partijiet interessati

### 3. Riżultati ewlenin

- Deċiżjonijiet (skont in-numru ta' appelli li jiġu ppreżentati).
- Korp robust ta' każistika relatat mal-kwistjonijiet legali speċifiċi li jirriżultaw mir-Regolament REACH.
- Komunikazzjoni effettiva mal-partijiet (potenzjali) rigward il-proċeduri tal-appell (dipendenti fuq in-numru u t-tip tal-mistoqsijiet riċevuti).

<sup>10</sup> Il-ħin fil-mira huwa ddefinit bħala l-ħin li fih 75% tal-każijiet preċedenti tat-tip ta' appell ikunu ngħalqu (minimu ta' 10 każijiet magħluqa biex ikun definit il-ħin fil-mira).

## **Attività 10: Komunikazzjoni**

### **1. Sfidi ewlenin fl-2011**

Hemm erba' sfidi ewlenin fl-2011.

L-ewwel, il-komunikazzjoni esterna: is-sit elettroniku tal-ECHA huwa l-mezz primarju għall-komunikazzjoni mal-partijiet interessati. Is-sit elettroniku attwali jeħtieġ titjib biex ikun jista' jkun għodda effettiva għall-komunikazzjoni mal-utenti kollha tagħha – minn membri tal-pubbliku sax-xjenzati. L-ECHA qiegħda tippjana li terġa' tibnih mill-ġdid fl-2011, abbażi tal-branding u l-ħidma dwar il-prospettivi mill-konsumaturi imwettqa matul l-2010. Permezz tas-sit elettroniku l-ġdid, l-ECHA, fl-2011, jeħtieġ li tilħaq lill-pubbliku inġenerali b'informazzjoni li tkun waslet permezz tal-proċessi tar-reġistrazzjoni tar-REACH u għan-notifika tal-Klassifikazzjoni u t-Tikkettar. Dan ikun jeħtieġ bażi tad-dejta u inventarju li jkun faċli biex jintużaw mill-utent, u jkun jeħtieġ ukoll kampanji ta' sensibbilizzazzjoni tal-materjal il-ġdid. L-ECHA għandha wkoll l-intenzjoni li ttipprova informazzjoni, idealment flimkien mal-Istati Membri, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini, dwar kif jista' jkun hemm aċċess għal informazzjoni ġdida disponibbli dwar il-kimiċi, u dwar il-mezzi kif tista' tintuża din l-informazzjoni.

Il-provvista ta' materjal f'bosta lingwi, inklużi stqarrijiet għall-istampa u ta' dokumenti ta' referenza sejra tkompli tkun sfida primarja. Il-prattika li jkun hemm iffokar fuq traduzzjoni għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-pubbliku inġenerali sejra tkompli, kif ser tkompli l-aspirazzjoni li ttipprova tintlaħaq id-domanda waqt li jkun żgurat il-valur għall-flus għall-fondi pubbliċi. Sejra tkun sfida partikolari li tkun invalidata l-kwalità tat-traduzzjoni – l-għaqda ta' lingwa xjentifika li teħtieġ revizzjoni minn esperti, il-volum kbir tal-materjal, u 22 lingwa jagħmlu ħidmet l-ECHA fit-traduzzjoni sfida kbira.

Għar-REACH u s-CLP, it-tlestija ta' studju mal-UE kollha mal-pubbliku inġenerali dwar il-perċezzjoni tagħhom tal-użu sikur tal-kimiċi hija ta' importanza strateġika.

Fl-añhar, l-iżgurar ta' komunikazzjoni interna effettiva mal-Aġenzija kollha li kibret daqshekk malajr huwa sfida kruċjali. Fl-2011, l-ECHA sejra jkollha wkoll timplimenta, mal-Aġenzija kollha, ir-rakkomandazzjonijiet ta' revizzjoni tal-identità korporattiva tal-ECHA li twettqet fl-2010.

### **2. Obiettivi u Indikaturi**

#### Obiettivi

1. L-ECHA jkollha komunikazzjoni effettiva mal-udjenzi esterni tagħha, u l-ECHA tibbenefika minn preżenza preċiża u bbilanċjata fil-midja.
2. Il-partijiet interessati jkunu involuti fil-ħidma tal-ECHA u jkunu sodisfatti li fehmiethom qed jinstemgħu u jiġu kkunsidrati.
3. Il-materjal kollu (kemm online kif ukoll offline) prodott għal numri kbar ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jew għall-pubbliku ġenerali jiġi tradott fi 22 lingwa uffiċjali tal-UE.
4. Il-persunal tal-ECHA jkun informat sew, ikollu sens ta' appartenenza, u jħossu parti minn sforz korporattiv komuni.



## Indikaturi ta' Prestazzjoni u Miri

Indikaturi	Mira fl-2011	Mezzi u frekwenza ta' verifika
Livell ta' sodisfazzjon tal-klijent bil-websajt.	Għoli	Stħarriġ annwali fost l-utenti, statistiċi tal-web kull tliet xhur
Livell ta' sodisfazzjon tal-persunal bil-komunikazzjoni interna.	Għoli	Stħarriġ annwali tal-persunal
Livell ta' sodisfazzjoni tal-qarrejja bil-pubblikazzjonijiet.	Għoli	Stħarriġ annwali tal-klijenti
Livell ta' sodisfazzjon tal-partijiet interessati bl-involviment tagħhom.	Għoli	Stħarriġ fil-Jum tal-Partijiet Interessati u stħarriġ Annwali tal-Partijiet Interessati
Pubblikazzjoni tat-traduzzjonijiet ta' dokumenti ta' gwida rilevanti għal numri kbar ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (fi żmien perjodu medju ta' tliet xhur wara d-dokument oriġinali, mingħajr validazzjoni).	100%	Rapport intern ta' kull tliet xhur

### 3. . Riżultati ewlenin

- Jitwettqu kampanji ta' komunikazzjoni (eż. dwar ftigijiet u proċeduri ta' awtorizzazzjoni kif ukoll formazzjoni SIEF għall-iskadenza tal-2013), inklużi attivitajiet immirati lejn l-industrija u l-pubbliku iġenerali.
- Il-bini u t-tnedija mill-ġdid tas-sit elettroniku tal-ECHA biex ikun aktar faċli għall-utent, b'informazzjoni mmirata lejn l-SMEs u l-pubbliku iġenerali fit-22 lingwa uffiċjali tal-UE.
- Il-materjal kollu (kemm online kif ukoll offline) prodott għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jew għall-pubbliku iġenerali jkun ippubblikat fit-22 lingwa uffiċjali tal-UE.
- Produzzjoni ta' newsletters elettroniċi interni ta' kull ġimgħa (ECHAexchange), stampar ta' newsletter interna kull tliet xhur (ECHO), f'ruġ aġġornamenti ta' kuljum tal-iskrin interni tal-informazzjoni u tal-intranet (ECHANet).
- Jitlesta studju tal-perċezzjoni tal-pubbliku dwar l-użu sikur tal-kimiċi (Artikolu 34 tar-Regolament CLP).
- Tlestija ta' Stqarrijiet għall-Istampa *ad hoc* u bullettini elettroniċi tal-añbarijiet ta' kull ġimgħa, organizzati żewġ aġġornamenti tal-istampa.
- Isiru Jumejn għall-Partijiet Interessati u workshops *ad hoc* għall-Partijiet Interessati.

## Attività 11: Kooperazzjoni internazzjonali

### 1. Sfidi ewlenin fl-2011

L-ammont kbir ta' dejta mid-dossiers tar-reġistrazzjoni li l-ECHA sejra tqassam lill-pubbliku inġenerali fl-2011, u l-profil pubbliku tagħha, huma mistennija li jżidu l-interess ta' pajjiżi terzi u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali f'bidmiegħ l-ECHA. Dan jista' jwassal għal aktar talbiet għal arranġamenti ta' kooperazzjoni bilaterali bejn l-aġenziji regolatorji ta' pajjiżi terzi u l-ECHA, simili għal dawk li jeżistu bejn l-ECHA u l-awtoritajiet Kanadiżi mid-Dipartiment Federali għall-Ambjent u d-Dipartiment Federali għas-Saħħa. Jekk kooperazzjoni bilaterali b'ħa din tkun utli għall-implimentazzjoni tar-REACH u s-CLP, l-ECHA tinnegozja, fi ħdan il-mandat mogħti bl-Artikolu 77(2), arranġamenti ta' kooperazzjoni ta' natura xjentifika, teknika u operattiva ma' dawn il-korpi ta' pajjiżi terzi. L-ECHA twettaq attivitajiet differenti li jimplimentaw il-memoranda ffirmati.

Barra dan, l-ECHA sejra tintensifika l-attivitajiet tagħha ta' bini tal-kapaċità li jkunu ta' benefiċċju għall-pajjiżi kandidati tal-UE, b'mod partikolari pajjiżi li jkunu rċevew data deċiża għall-adeżjoni fl-UE fl-2012. L-ECHA sejra tkompli l-involvement tagħha biex ixxerred it-tagħrif dwar ir-REACH f'pajjiżi barra l-UE.

Fl-2011, l-ECHA ser tkompli tipparteċipa f'numru ta' attivitajiet differenti tal-OECD, li huma ta' rilevanza għall-implimentazzjoni tar-REACH. Il-metodi (Q)SAR jippermettu li ssir stima tal-karatteristiċi ta' kimika mill-istruttura tagħha u għalhekk inqas l-ħin, l-ispiża u l-ittestjar fuq l-annimali meħtieġa fil-kuntest li jkunu identifikati l-perikli tas-sustanzi kimiċi. Fl-2011, l-ECHA sejra tipparteċipa attivament b'ħa koġestur fl-iżvilupp tat-Toolbox ta' Applikazzjonijiet (Q)SAR tal-OECD. Sejjer ikun hemm iffokar fuq l-iżvilupp ta' funzjonalitajiet għall-verżjoni tlieta li sejjer jinħarġu ftit ftit fl-2012, u li jingħata taħriġ u jkun hemm materjal għat-taħriġ għall-verżjoni 2.0. Fl-2011, l-ECHA sejra tieħu f'idejha li tilqa' l-eChemPortal (Portal Globali għall-Infurmazzjoni dwar is-Sustanzi Kimiċi), fażi 2. B'ħa membru tal-Grupp ta' Tmexxija tal-Portal eChem, l-ECHA sejra tipparteċipa b'mod attiv fir-reviżjoni u l-prijoritizzazzjoni tal-ħtiġijiet tal-utenti ġodda biex ikun promoss l-użu tal-portal.

Attivitajiet oħrajn relatati mal-OECD li fihom ser tkun involuta l-ECHA jinkludu kontribut għall-ħidma tat-Task Force dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju, it-Task Force dwar il-Valutazzjoni tal-Espożizzjoni, il-Proġett tal-Mudelli Armonizzati, il-ħidma dwar l-aspetti tas-saħħa u ambjentali tan-nanomaterjali u l-Programm dwar il-Linji gwida għat-Testijiet. Barra dan, l-ECHA sejra toħloq ukoll kuntatti mal-pajjiżi membri ġodda tal-OECD biex tiffaċilita l-fehim tagħhom tar-REACH u s-CLP.

### 2. Obiettivi u Indikaturi

#### Obiettivi

1. Il-Kummissjoni Ewropea tirċievi appoġġ xjentifiku u tekniku ta' kwalità għolja għall-attivitajiet internazzjonali tagħha, b'mod speċjali f'korpi multilaterali.
2. L-ECHA, fl-ambitu tar-responsabbiltajiet tagħha, tibni u żżomm ir-relazzjonijiet bilaterali tagħha għal kooperazzjoni xjentifika u teknika ma' dawk l-aġenziji regolatorji ta' pajjiżi terzi li huma utli għall-implimentazzjoni tar-REACH u s-CLP.
3. Li jkun hemm sensibbilizzazzjoni dwar il-portal eChem u t-Toolbox ta' Applikazzjonijiet (Q)SAR.
4. L-iżvilupp tat-Toolbox tal-Aplikazzjonijiet (Q)SAR jimxi 'l quddiem skont il-pjan u l-baġit.

## Indikaturi ta' Prestazzjoni u Miri

<b>Indikaturi</b>	<b>Mira fl-2011</b>	<b>Mezzi u frekwenza ta' verifika</b>
Livell ta' sodisfazzjon tal-Kummissjoni bl-appoġġ mogħti mill-ECHA fl-attivitajiet internazzjonali.	Għoli	Stħarriġ annwali
Żieda fiż-żjarat għall-portal eChem mis-sena ta' qabel.	20%	Rapport annwali intern
Livell ta' implimentazzjoni tal-moduli ppjanati annawalment tat-Toolbox tal-Applikazzjonijiet (Q)SAR.	90%	Rapport annwali intern

### **3. Riżultati ewlenin**

- Appoġġ xjentifiku u tekniku lill-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' F'idma għall-Attivitajiet Internazzjonali tal-ECHA fl-2011.
- Arranġamenti ta' kooperazzjoni bilaterali ma' aġenziji regolatorji interessati ta' pajjiżi terzi.
- Kooperazzjoni xjentifika u teknika mal-OECD (tkompli):
  - L-ECHA tospita l-eChemPortal fażi 2.
  - Parteċipazzjoni fil-grupp ta' tmexxija tal-OECD tal-eChemPortal (reviżjoni u prijoritizzazzjoni tal-ħtiġijiet tal-utenti ġodda għal aktar żvilupp potenzjali).
  - It-Toolbox tal-Applikazzjonijiet (Q)SAR: jiġu żviluppati moduli ta' softwer għat-tielet verżjoni (eż. funzjonalità avvanzata ta' għajnuna interattiva, moduli ta' speċjazzjoni dwar l-idroliżi, il-jonizzazzjoni u t-tawtomeri, sistemi esperti speċifiċi għall-endpoint ibbażati fuq it-tagħrif, allerti strutturali ġodda), u materjal għat-taħriġ pprovdut fuq il-verżjoni 2.0.
  - Task force dwar l-evalwazzjoni tal-perikli.
  - Task force dwar l-evalwazzjoni tal-espożizzjoni.
  - Grupp ta' F'idma fuq in-nanomaterjali.
  - Grupp ta' F'idma tal-koordinaturi Nazzjonali għal-linji gwida tat-Testijiet.
- Attivitajiet ta' bini tal-kapaċità mmirati lejn il-pajjiżi kandidati tal-UE taħt il-proġett IPA.
- Trattament effiċjenti ta' talbiet għal diskorsi u żjarat minn pajjiżi terzi.

### ***3. Ġestjoni, organizzazzjoni u riżorsi***



## Attività 12: Ġestjoni

### 1. Sfidi ewlenin fl-2011

L-oġhla korp għat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-ECHA huwa l-Bord ta' Tmexxija li jikkonsisti minn 35 membru<sup>11</sup>. Huwa meġġun minn Segretarjat ipprovdut mid-Direttur Eżekuttiv. Minħabba li l-Aġenzija tkun laħqet pass ta' ħidma sod fl-2011, il-Bord ta' Tmexxija sejjer jikkonċentra fuq il-funzjonijiet ewlenin tiegħu, jiġifieri l-adozzjoni tal-programmi multiannwali u tal-ħidma annwali tal-Aġenzija, il-baġit, ir-rapport anwali, kif ukoll l-adozzjoni u r-reviżjoni tar-regoli interni tal-Aġenzija. Il-Bord ta' Tmexxija huwa wkoll l-awtorità tal-ħatra għad-Direttur Eżekuttiv, il-President u l-membri tal-Bord tal-Appell, u l-membri tar-RAC u s-SEAC. Il-Bord stabbilixxa gruppi ta' ħidma ddedikati, pereżempju għall-ippjanar u l-irrapportar, id-disseminazzjoni u l-awditjar, li jiffaċilitaw il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Bord. Il-Bord ta' Tmexxija jsegwi l-prestazzjoni tal-Aġenzija mill-qrib permezz ta' rapportar regolari pprovdut mid-Direttur Eżekuttiv u rapporti relatati ma' temi speċifiċi mis-Segretarjat. Għal din is-sena huma pplanati erba' laqgħat plenarji, kif ukoll diversi laqgħat tal-gruppi ta' ħidma.

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-ECHA huwa li tappoġġja lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni kostanti tar-regolamenti tar-REACH u s-CLP u għalhekk hija sejra ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-MSAs biex ittejjeb il-koordinazzjoni bejniethom.

Minn Marzu 2011, l-ECHA sejra tkun qed tippresiedi t-Trojka tan-Netwerk tal-Aġenziji Ewropej għal 12-il xahar.

L-istruttura organizzattiva tal-ECHA baqgħet kważi mhux mibdula sa mid-dħul fl-operat fl-2008. Minn dakinhar l-Aġenzija kibret malajr u l-enfasi tagħha għaddiet minn attivitajiet preparatorji lejn deċiżjonijiet u tfassil ta' opinjonijiet multipli abbażi tax-xjenza. Mill-bidu tal-2011, sejra tkun implimentata organizzazzjoni ġdida aktar orizzontali tal-Aġenzija, meta ser jinħolqu tliet Direttorati ġodda. Din ser tkun sfida importanti għall-ġestjoni biex ikun żgurat li dan iseħħ bla skossi, b'mod partikolari billi jkunu adattati proċessi ta' ġestjoni għall-organizzazzjoni akbar u tkun żgurata koordinazzjoni effiċjenti tal-attivitajiet orizzontali tad-Direttorati. Dan sejjer jeħtieġ, fost l-oħrajn, ippjanar matur tal-attivitajiet f'kull livell tal-organizzazzjoni u sejjer jitlob żvilupp ta' għodod biex ikunu integrati l-ippjanar, l-allokazzjoni tar-riżorsi, il-monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju. Fl-istess waqt, l-ECHA sejra timplimenta wkoll l-identità korporattiva l-ġdida tagħha.

Wara l-ewwel skadenza tar-reġistrazzjoni fl-2010, l-ECHA sejra tkun fdata b'ammont kbir ta' informazzjoni mill-industrija tal-kimiċi tal-UE kollha. Parti minn din l-informazzjoni hija min-natura tagħha kunfidenzjali ħafna (b'mod partikolari, minħabba l-fatt li d-dejta tinkludi informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali). Għalhekk, l-iżgurar tas-sigurtà - kemm tal-informazzjoni kif ukoll fiżika - sejra tkun prijorità. Sejra tiġi żviluppata sistema għall-ġestjoni u l-irrapportar tas-sigurtà. L-implimentazzjoni tal-ISO27001 sejra tkompli u sejra titwettaq valutazzjoni esterna tas-sistema tal-ġestjoni tas-sigurtà. Barra dan, l-ECHA sejra tkompli torganizza l-laqgħat tan-Netwerk tal-Uffiċjali tas-Sigurtà, sabiex tappoġġja l-implimentazzjoni sikura tal-aċċess għar-REACH-IT mill-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Nazzjonali b'mandat u l-Kummissjoni.

Barra dan, l-ECHA sejra tkompli l-implimentazzjoni tas-sistema tal-Ġestjoni tal-Kontenut tal-Intrapriżi (ECM) abbażi tal-approċċ tal-ECHA għall-proċessi. Dan jiżgura li l-proċessi kollha li jwasslu għal deċiżjoni u/jew opinjoni jkunu standardizzati, dokumentati, verifikabbli, huma trasparenti u d-dokumentazzjoni relatata magħhom tkun trattata b'mod

<sup>11</sup> Il-membri jinkludu s-27 Stat Membru, 6 rappreżentanti maħtura mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi 3 individwi ta' partijiet interessati, u 2 membri maħtura mill-Parlament Ewropew. Barra dan, l-Islanda u n-Norveġja jipparteċipaw bħala pajżi osservaturi taż-ŻEE/EFTA.

sikur, b'effiċjenza u f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli. Il-politiki tal-ECHA għall-ġestjoni tal-informazzjoni u t-tagħrif sejrini ikunu implimentati aktar.

L-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta tal-ECHA se jibqgħu jinsisti biex l-Aġenzija tikkonforma mal-obbligi statutorji kollha tagħha biex tiproteġi lill-individwi rigward l-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom. Fuq bażi regolari, sejrini jiġu pprovduti taħriġ u informazzjoni lill-persunal. In-notifika tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar kollha kif elenkati fl-inventarju stabbilit fl-2010 se jra tkompli fl-2011. Konsegwentement, l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta se jibgħat, fejn meħtieġ, in-notifiki lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta għal verifika minn qabel.

Se jra tkompli l-implimentazzjoni tas-Sistema Integrata tal-Ġestjoni tal-Kwalità. L-Aġenzija se jra tistabbilixxi għodod u metodi assistiti mill-IT integrati fl-infrastruttura tal-Aġenzija biex jiffaċilitaw l-amministrazzjoni tal-elementi tal-Ġestjoni tal-Kwalità. Sejrini jitwettqu verifiki tas-Sistema Interna tal-Kwalità biex l-IQMS tkun ivverifikata skont il-ħtiġijiet standard u tkun ivvalutata l-maturità tagħha. Sejrini jibdew l-ewwel passi fil-preparazzjoni tal-ECHA għall-implimentazzjoni tal-EMAS (Skema Komunitarja għall-Immaniġġar tal-Ambjent u Verifika).

Meta jkun ikkunsidrat li żdied in-numru ta' deċiżjonijiet tal-ECHA, huma meħtieġa sforzi kbar biex ikunu ggarantiti deċiżjonijiet legali b'bażi soda u difiża effettiva f'każ ta' appelli jew proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea: fl-2011, l-isfida se jra tkun li jkunu trattati l-aktar waqtiet fejn hemm xogħol u tkun żgurata konsistenza fil-pożizzjonijiet legali.

Bħala parti mill-ġestjoni tar-riskji ġenerali tagħha, l-ECHA se jra timmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjan tal-mitigazzjoni tar-riskji tagħha u se jra tkompli ttejjeb il-kapaċità tagħha li tiffaċċja l-kriżijiet u timplimenta l-istrateġija tal-Kontinwazzjoni tal-Operat.

## 2. Obiettivi u Indikaturi

### Obiettivi

1. L-Aġenzija titmexxa minn ġestjoni effiċjenti u effettiva, li tiżgura ippjanar adatt tal-attivitajiet, l-allokkazzjoni tar-riżorsi, il-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji, is-sigurtà tal-persunal u s-sigurtà tal-assi u l-informazzjoni u tipprovdi assigurazzjoni tal-kwalità fir-riżultati tagħha.

### Indikaturi ta' Prestazzjoni u Miri

Indikaturi	Mira fl-2011	Mezzi u frekwenza ta' verifika
Perċentwal ta' dokumenti statutorji ppreżentati lill-Bord ta' Tmexxija fl-iskadenzi legali.	100%	Rapport intern ta' kull tliet xhur
Livell ta' implimentazzjoni tal-pjan tat-tnaqqis tar-riskji annwali.	100%	Rapport intern annwali
Perċentwal ta' proċeduri ta' kwalità maħruġa għall-pubbliku skont il-pjan.	Mhux inqas minn 90%	Rapport annwali tal-Maniġer tal-Kwalità
Numru ta' sejbiet "kritiċi" mill-awdituri relatati	0	Rapport annwali tal-

mas-sistema ta' kontroll intern stabbilita.		awdituri interni
Perċentwal ta' rakkomandazzjonijiet tal-verifika importanti implimentati fl-iskadenzi.	100%	Rapport annwali tal-awdituri interni
Numru ta' inċidenti ta' sigurtà li għalihom inkjesta mis-servizzi tas-sigurtà tal-ECHA identifikat ħruġ ta' informazzjoni kunfidenzjali.	0	Rapporti interni

### 3. Riżultati ewlenin

- Ġew organizzati 4 laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija.
- Ġew organizzati laqgħat tan-netwerk bejn l-Aġenzija.
- Żviluppata u implimentata sistema ta' arkivji elettroniċi u fiżiċi.
- Verifika tal-ġestjoni tal-informazzjoni tas-sigurtà u/jew verifika interna tas-sistema tal-kwalità.
- Dokumentazzjoni tal-Ġestjoni tal-Kontinwità tal-Operat tal-ECHA biex ikunu koperti l-proċessi ewlenin.
- Appoġġ legali b'saħħtu għad-deċiżjonijiet tal-ECHA u d-difiża effikaċi tagħhom.

## Attività 13: Finanzi, Akkwisti u Kontabilità

### 1. Sfidi ewlenin fl-2011

L-iffokar primarju tal-Aġenzija fil-qasam finanzjarju fl-2011 sejjer ikun fuq il-ġestjoni effiċjenti tal-likwidità u fuq dixxiplina baġitarja rigoruża. Fl-2011, l-Aġenzija hija mistennija li tkun qed tiffinanzja lilha nnifisha għal kollox permezz tal-ħlasijiet, li għandhom ikopru l-obbligi legali kollha tal-Aġenzija matul is-sena. Mhemm previst l-ebda sussidju mill-Unjoni Ewropea għall-attivitajiet tar-REACH u s-CLP tal-Aġenzija waqt il-perjodu tal-iprogrammar finanzjarju attwali li jispiċċa fl-2013. Barra dan, l-ECHA sejra jkollha tħallas lura sussidju tal-UE li rċeviet fl-2010 lill-Kummissjoni, abbażi tar-riżultat tal-kont tar-riżultat baġitarju tagħha għall-2010.

Kmieni fl-2011, l-Aġenzija ser jifdlilha xi kompiti mill-volumi għoljin ta' transazzjonijiet finanzjarji li jifdal mill-ewwel skadenza tar-reġistrazzjonijiet tar-REACH. Barra l-ħlasijiet li jidhru, huwa mistenni li l-Aġenzija ser ikollha xi 800 impenn finanzjarju u qrib l-4000 transazzjoni ta' ħlas li joħroġ bħala riżultat tal-attivitajiet operattivi tagħha. L-ECHA sejra twestaq verifiki *ex post* fuq kumpaniji li talbu stejtus ta' SME sabiex tivverifika l-eżattezza ta' dawn it-talbiet. Kull kumpanija li tinstab li tkun għamlet talba żbaljata sejra titntalab il-ħlas sħiħ korrispondenti għad-daqs korrett tagħha kif ukoll ħlas amministrattiv.

Fid-dawl tal-preparazzjoni għall-implimentazzjoni ta' regolamenti oħrajn, għandu jkun stabbilit mekkaniżmu biex il-ġestjoni finanzjarja tal-attivitajiet taħt ir-regolamenti tar-REACH u s-CLP tkun separata minn dik taħt regolamenti oħrajn possibbli li taħthom l-ECHA tista' tingħata kompiti. Dan huwa maħsub li jsir permezz ta' aktar żvilupp tal-kontabilità analitika abbażi tal-attivitajiet li jassenjaw id-dħul u l-infiq ta' kull riżorsa tal-attività lill-attività.

Ser ikompli l-investimenti mdaqqsin fl-appoġġ tal-IT għall-attivitajiet operattivi u dwar is-sigurtà fl-IT. Waqt li diġà huma stabbiliti kuntratti qafas għall-identifikazzjoni tal-kuntratturi potenzjali, il-ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjonijiet bejn il-kuntratturi rilevanti ser jeħtieġ sforzi konsiderevoli fl-attività tal-akkwist. (Fl-Anness 4 hemm ippreżentat abbozz ta' pjan).

### 2. Obiettivi u Indikaturi

#### Obiettivi

1. L-Aġenzija jkollha ġestjoni finanzjarja kemm jista' jkun soda u effiċjenti.
2. Il-fatturi jinħarġu u jissarrfu b'mod effiċjenti u r-riżervi tal-flus ikunu ġestiti b'mod sikur u effettiv.

#### Indikaturi tal-Prestazzjoni u Miri

Indikaturi	Mira fl-2011	Mezzi u frekwenza ta' verifika
Numru ta' riżervi fir-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.	0	Rapporti tal-ECA / annwali
Rata ta' impenn.	Mhux inqas minn 98%	Rapport finanzjarju ta' kull xahar / annwali



Rata ta' flus.	Mhux inqas minn 75%	Rapport finanzjarju ta' kull xahar / annwali
Rata ta' riporti (ta' fondi kommessi).	< 25%	Rapport intern annwali
Numru ta' sentenzi tal-Qorti kontra l-proċeduri ta' akkwist tal-ECHA.	0	Rapport intern annwali
Konformità mal-gwida MB dwar ir-riżervi tal-flus (MB/62/2010 finali)	100%	Rapport intern ta' kull tliet xhur

### 3. Riżultati ewlenin

- Ġestjoni stretta tal-baġit u tal-likwidità.
- Fluss tax-xogħol u proċeduri tal-kontabilità effiċjenti fid-dawl tal-perjodu intensiv ta' fatturar relatat mal-ewwel skadenza ta' reġistrazzjoni tar-REACH.
- L-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu għall-ġestjoni u l-investiment tar-riżervi ta' flus tal-Aġenzija.
- Aktar monitoraġġ tal-istejtus tal-SMEs.
- Żviluppata aktar is-sistema ta' kontabilità (attivitajiet) analitika.
- Flus lura lill-Kummissjoni tas-sussidju mill-UE fl-2010.
- Segwitu u twettiq tal-baġit imtejba biex jilħqu r-rata ta' impenn ta' 98%.
- Kontijiet tal-2010.

## **Attività 14: Riżorsi umani u servizzi korporattivi**

### **1. Sfidi ewlenin fl-2011**

#### ***Riżorsi umani***

Wara li temmet b'suċċess il-fażi inizjali tal-bidu, fl-2011 l-Aġenzija sejra tiffoka fuq il-konsolidazzjoni tal-kapital uman u fuq l-iżvilupp organizzattiv. It-tim tar-riżorsi umani sejjer jidderieġi l-enfasi tiegħu mill-eżerċizzji ta' reklutaġġ massivi tas-snin 2008-2010 lejn iż-żamma tal-persunal, b'attenzjoni msaħħa għat-tagħlim u l-iżvilupp, strateġiji innovattivi fl-iżvilupp organizzattiv, u kura ddedikata għall-benesseri tal-persunal.

Fl-2011 sejjer ikun meħtieġ u fil-fatt isir rendikont fil-fond tal-effetti ta' din il-mewġa ta' reġistrazzjoni fuq il-ħtiġijiet fit-tul tar-riżorsi umani. Ir-riżultat jista' jagħti bidu għal tibdiliet fl-ippjanar tar-riżorsi, ikollu effett fuq il-bilanċ ta' għarfien espert u l-kompetenzi fl-Aġenzija, jeħtieġ adattament għat-tagħlim u l-pjanijiet ta' żvilupp, iqajjem il-ħtieġa għall-mobbiltà estiża tal-forza tax-xogħol, jew jitlob miżuri oħra fil-qasam tar-riżorsi umani.

Fl-2011, sejra tingħata attenzjoni speċifika għall-iżvilupp ta' sistema tal-IT tal-HR bħala parti mill-iżvilupp ta' sistema ta' ġestjoni korporattiva. Dan se jkun jeħtieġ l-attenzjoni ffokata tal-persunal tal-HR fuq l-iżvilupp tal-ħtiġijiet tas-sistema, fuq l-appoġġ tal-implimentazzjoni, fuq il-ġestjoni tal-proċess ta' tibdil, u fuq l-għoti ta' appoġġ u taħriġ xierqa.

#### ***Servizzi korporattivi***

Fl-2010 inħolqot Taqsima ta' Servizzi Korporattivi, b'responsabbiltajiet biex tmexxi l-infrastruttura u s-sikurezza fiżika tas-Segretarjat tal-Aġenzija, biex tappoġġa u torganizza vjaġġar u laqgħat, u biex tipprovdi servizzi amministrattivi f'dak li għandu x'jaqsam mar-reġistrazzjoni tal-posta, provvisti, librerija u arkivjar u l-ġestjoni tal-inventarju. L-organizzazzjoni u s-servizzi tal-unità sejrjn jiġu kkonsolidati aktar fl-2011.

Żewġ sfidi speċifiċi jirriżultaw għall-2011: sejra tingħata enfasi speċifika, permezz ta' proġett iddedikat, għad-diġitalizzazzjoni tal-arkivji li ntriru mill-leġiżlazzjoni ta' qabel REACH. Dokumenti rilevanti sejrjn jiġu skenjati u d-dejta sejra tiġi integrata fid-database ta' REACH.

Huwa previst li fl-2011 issir riorganizzazzjoni, inkluż il-ħolqien ta' tliet Direttorati ġodda. Din se teħtieġ li l-ispazji għall-uffiċċji disponibbli jitqassmu mill-ġdid biex jakkomodaw lil dawn id-Direttorati l-ġodda, u l-kompiti fdati lilhom. L-allokkazzjoni tal-ispazji għall-uffiċċji sejra ssir b'mod effiċjenti sabiex jiġu minimizzati r-rilokazzjonijiet meħtieġa u jiġi evitat it-tfixkil tal-persunal matul il-perjodi l-iktar impenjattivi tax-xogħol.

### **2. Għanijiet u Indikaturi**

#### **Għanijiet**

1. L-Aġenzija għandha numru suffiċjenti ta' persunal imħarreġ sabiex tiżgura l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma u toffrilhom ambjent ta' xogħol li jaħdem tajjeb.
2. L-Aġenzija jkollha biżżejjed uffiċċji, li jkunu sikuri u bla periklu u li jipprovdu l-ambjent ta' xogħol effiċjenti u sikur għall-persunal, kif ukoll faċilitajiet fejn isiru l-laqgħat li jaħdmu tajjeb għall-korpi tal-Aġenzija u l-viżitaturi esterni.

## Indikaturi ta' Prestazzjoni u Miri

<b>Indikaturi</b>	<b>Mira fl-2011</b>	<b>Mezzi u frekwenza ta' verifika</b>
Perċentwal ta' karigi tal-pjan ta' stabbiliment mimlija sal-aħħar tas-sena.	≥ 95%	Rapport annwali intern
Perċentwal ta' proċeduri tal-għażla ppjanati għas-sena mitmuma.	100%	Rapport annwali intern
Ċaqliq tal-Aġenti Temporanji.	< 5%	Rapport annwali intern
Għadd medju ta' ġranet ta' taħriġ għal kull membru tal-persunal.	10	Rapport annwali intern
Livell ta' sodisfazzjon tal-Kumitat, tal-Forum u tal-membri tal-MB bit-tħaddim taċ-ċentru tal-konferenzi.	Għoli	Stħarriġ annwali
Livell ta' sodisfazzjoni tal-persunal bil-faċilitajiet tal-uffiċċju u servizzi loġistiċi.	Għoli	Stħarriġ annwali

### **3. Riżultati ewlenin**

#### ***Riżorsi umani***

- Pagi għall-persunal statutorju u pagamenti oħra lill-persunal, SNEs u apprendisti, b'mod ġenerali madwar 550 persuna.
- Għandhom jitnedew madwar 10 proċeduri tal-għażla.
- Għandhom jitlestew madwar 50 reklutaġġ.
- Medja ta' 10 ġranet ta' taħriġ għal kull membru tal-persunal.
- Evalwazzjoni tal-prestazzjoni u eżerċizzju ta' klassifikazzjoni mill-ġdid għal iktar minn 400 persunal statutorju.
- Parir u assistenza għall-persunal u l-amministrazzjoni fuq kwistjonijiet tal-HR, b'mod partikolari drittijiet individwali u benesseri.
- Riżultati tal-istħarriġ tal-persunal u pjanijiet ta' segwitu.
- Żvilupp attiv tal-proċessi u l-metodi tal-persuni u l-ġestjoni tal-prestazzjoni.

#### ***Servizzi korporattivi***

- Tlestija tal-armar tas-600 workstation fil-bini tal-ECHA.
- Pjanijiet għall-allokazzjoni tal-ispazju 2011 u tibdil tal-maniġment matul ir-riorganizzazzjoni.
- Xiri f'waqtu ta' tagħmir, materjali u servizzi permezz ta' proċeduri ta' akkwisti xierqa.
- Kalkoli u rimborsi f'waqthom ta' rimborsi għal missjonijiet u vvjaġġar
- Faċilitajiet ta' uffiċċji sikuri.
- Appoġġ tajjeb għal laqgħat u konferenzi.
- Tagħmir awdjoviżiv li jaħdem sew b'appoġġ tajjeb.
- Servizzi tal-posta effiċjenti.
- Librerija u arkivji organizzati sew u amministrati b'mod korrett.
- Inventarju tal-faċilitajiet aġġornat u korrett.

## **Attività 15: Teknoloġija tal-Informatika u tal-Komunikazzjoni**

### **1. Sfidi ewlenin fl-2011**

Sa tmiem l-2011, l-ECHA hija mistennija li tibbenefika minn pjan tal-ICT bil-karatteristiċi kollha ta' kontinwità tan-negozju u kapaċitajiet effiċjenti tal-ICT għall-irkupru f'każ ta' diżastru. Dan għandu jinkludi ċentru ta' dejta esterna stabbilit sew li jissostitwixxi għal kollox l-infrastruttura tal-ICT tal-ECHA u appoġġ tal-ko-lokazzjoni ta' investimenti f'hardwer. Matul l-2010, l-ECHA bdiet esternalizzazzjoni tal-operazzjonijiet ta' ċentru tad-dejta tagħha lil kuntrattur estern. Sistemi eżistenti sejrjn jiġu mċaqlqa gradwalment għal ambjent ġdid, ibbażat fuq pjan dettaljat ta' transizzjoni. It-tnejn tas-sistemi u tad-dokumentazzjoni, is-sorveljanza tat-transizzjoni, u l-ittestjar tas-sistema trasferit sejrjn ikunu eżerċizzju konsiderevoli matul l-2011.

Fl-ewwel nofs tal-2011, l-ECHA sejra tkun stabbiliet u użat konnettività tan-netwerk sikura ma' Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri permezz ta' linji kriptati. Konnettività speċifikament kriptata sejra tiġi pprovduta lill-Awtoritajiet ta' Infurzar tal-Istati Membri, li jużaw awtentikazzjoni sikura ta' żewġ fatturi.

Il-funzjoni ta' Enterprise Architecture sejra tkompli tiffoka fuq il-konsolidazzjoni sabiex ittejjeb ir-robustezza ġenerali tal-ambjent tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ECHA filwaqt li ttejjeb l-amministrazzjoni futura tagħha u tkabbir ulterjuri.

Fl-2011 sejjer jiġi pprovdut appoġġ kontinwu għat-tnedija tas-sistema ta' ġestjoni ta' kontenut ċentralizzat u għarfien, iffukat b'mod speċjali fuq il-massimizzazzjoni tal-awtomazzjoni tal-proċessi tan-negozju stabbiliti u l-livell ta' integrazzjoni ta' diversi repożitorji ta' informazzjoni. Proċeduri formali tal-ġestjoni tal-identità sejrjn jiġu addattati f'Sistema ta' Ġestjoni tal-Identità.

Lejn tmiem l-2011 sejjer jinbada l-proċess ta' revizzjoni u ta' tiġdid inkrementali tal-infrastruttura tal-hardwer tekniku u ta' komunikazzjoni.

Fil-kapaċità disponibbli, sejjer jiġi offrut appoġġ speċjalizzat tekniku u arkitettoniku għall-ħtiġijiet kummerċjali ġodda u emerġenti (eż. ERP) ukoll.

Matul l-2011, l-effiċjenza u l-ilħuq ta' servizzi stabbiliti sew bħall-Uffiċċju tal-Portafoll tal-Proġetti jew il-Helpdesk tal-ICT sejrjn jinżammu u miżjuda aktar.

### **2. Obiettivi u Indikaturi**

#### Obiettivi

1. L-infrastruttura teknika tal-ICT tal-Aġenzija tiġi mħaddma fuq livell ta' servizz għoli u tiġi massimizzata l-kontinwità, l-effiċjenza u s-sikurezza għall-operazzjonijiet appoġġati kollha tan-negozju.
2. Jiġi żgurat approċċ arkitettoniku konsistenti u komuni kif ukoll tiġi mrawwma l-aħjar prattika fil-governanza u l-ġestjoni tal-proġetti tal-IT, u jiġi żgurat rispons professjonali, kompetenti u f'waqtu għal kwalunkwe mill-attivitajiet tan-negozju ppjanati jew rikorrenti.

## Indikaturi tal-Prestazzjoni u Miri

<b>Indikaturi</b>	<b>Mira fl-2011</b>	<b>Mezzi u frekwenza ta' verifika</b>
Disponibbiltà ta' sistemi operattivi għall-klijenti esterni (waqt il-ħin ta' ħidma).	99%	Statistiċi taċ-ċentru tad-dejta
Livell ta' sodisfazzjon tal-utenti bis-servizzi interni tal-IT.	Għoli	Sfħarriġ annwali fost il-klijenti u rispons <i>ad hoc</i>
Livell ta' implimentazzjoni tal-kontinwità u pjan ta' negozju bid-dettalji kollha	100%	Rapport intern annwali

### **3. Riżultati ewlenin**

- Ċentru tad-Dejta Esterna (li jappoġġa l-ko-lokazzjoni) xieraq għan-negozju u l-irkupru mid-diżastri.
- Pjan kummerċjali ta' kontinwità u ta' rkupru mid-diżastri tal-ICT dokumentat, aġġornat u ttestjat bil-karatteristiċi kollha fis-seħħ u implimentat.
- Helpdesk tal-ICT effiċjenti.
- Appoġġ effikaċi lill-ġestjoni u l-governanza tal-proġett tal-IT.
- Appoġġ u manutenzjoni tal-applikazzjonijiet amministrattivi tal-IT.
- Konnettività tan-netwerk sikura u stabbli.
- Monitoraġġ u manutenzjoni tal-applikazzjonijiet ewlenin tan-negozju.
- Appoġġ tekniku u gwida fuq l-aspetti tal-ICT ta' kwalità għolja u kontinwi.
- Servizzi pprovduti skont ir-rekwiżiti u l-SLAs dokumentati.

## 4. Riskji

L-ECHA twettaq eżerċizzju annwali ta' valutazzjoni tar-riskji sabiex tidentifika, tevalwa, u tamministra l-avvenimenti potenzjali li jistgħu jpoġġu f'riskju l-ilħuq tal-oġġetti definiti fil-Programm ta' Fiddma. Fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni, il-maniġment tal-ECHA identifika ħames riskji prinċipali. Ġew stabbiliti wkoll azzjonijiet biex itaffu r-riskji prinċipali.

Dan l-ippjanar fit-tul tal-Programm ta' Fiddma u tal-ECHA huwa bbażat fuq il-figuri hekk imsejħa tal-linja bażi fl-Anness 2. Dawn iċ-ċifri jirriżultaw mill-istimi oriġinali tal-Kummissjoni meta tnejja r-Regolament REACH, u minn aġġornamenti sussegwenti magħmula mill-ECHA f'kooperazzjoni mal-industrija u partijiet interessati oħra. Minħabba l-inċertezza għolja marbuta ma' dawn il-figuri, l-aktar riskju serju tal-ECHA jkompli jirrigwarda l-ippjanar tar-riżorsi umani tagħha, kemm b'mod kwantitattiv kif ukoll b'mod kwalitattiv.

Skrutinju tal-proċessi sabiex titjeb l-effikaċja tagħhom sejjer ikompli jnaqqas ir-riskju relatat mal-ammont tax-xogħol. Minħabba li l-2011 sejjra tkun partikolarment importanti għall-evalwazzjonijiet tad-*dossiers*, u fid-dawl tar-riskju relatat mal-ħinijiet stmati għall-ipproċessar tad-*dossiers*, l-ECHA sejjra tpoġġi lil dawn il-proċessi fil-mira tagħha b'mod partikolari, fil-pjanijiet tagħha biex ittejjeb l-effikaċja.


Riskju aktar fit-tul identifikat jirrigwarda r-riżorsi disponibbli għall-Aġenzija wara l-2013. Huwa stmat li l-ECHA se jkollha bżonn sussidju mill-UE wara l-2013 u l-ħtiġijiet tagħha għandhom jiġu kkunsidrati fil-perspettivi finanzjarji li għandhom jiġu nnegożjati għall-UE fl-2014-2020.

L-attivitajiet tal-ECHA jiddependu ħafna fuq sistemi effiċjenti tal-IT għall-ipproċessar ta' tipi differenti ta' *dossiers* irċevuti mill-Aġenzija. Kwalunkwe problema jew dewmien fl-iżvilupp tal-IT jistgħu jheddu l-ilħuq tal-għanijiet kif ippjanat. Sabiex jitnaqqas dan ir-riskju, fl-2010, ingħata bidu għal proġett ta' Enterprise Architecture (Arkitettura tl-Intrapriża). Fl-2011, l-ECHA għandu jkollha fis-seħħ pjan ta' żvilupp tal-IT fit-tul, inkluż pjan tar-riżorsi li jqis l-esternalizzazzjoni gradwali ta' ħafna mill-attivitajiet taċ-ċentru tad-dejta.


Riskju addizzjonali fir-rigward tar-riżorsi umani li l-ECHA identifikat jirrigwarda ż-żamma tal-persunal fit-tul. Fiż-żmien tal-kitba, l-ECHA għadha qed tikber malajr f'termini ta' persunal ġdid, iżda r-reklutaġġ sejjer jonqos b'mod konsiderevoli mill-2011 'il quddiem. Inevitabbilmment, xi membri tal-persunal sejjrin jibdeu jikkunsidraw alternattivi wara li jkunu ħadmu għall-Aġenzija għal għadd ta' snin; għalhekk, l-ECHA għandha l-intenzjoni li tenfasizza fuq l-iżvilupp ta' strateġija biex iżżomm impjegati tagħha bi kwalifiki għolja u mħarrġa fil-futur.

Dawn ir-riskji kif ukoll ir-reazzjonijiet u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex dawn jittaffew, sejjrin jiġu ssorveljati u segwiti kif dovut matul is-sena.

## ANNEX 1: Organizzazzjoni tal-ECHA 2011



\* RESPONSABBLI WKOLL MILL-OPINJONI REGOLATORJA TA' KOORDINAZZJONI U MIT-TEĦID TAD-DEĊIŻJONIJIET



## ANNEX 2: Suppożizzjonijiet tal-linja bażi

### Figuri tal-linja bażi 2011

Xpruntauwi ewlenin tal-attivitajiet tal-ECHA	Stima għall-2011 <sup>12</sup>
<b>Dossiers arriving in 2011</b>	
Dossiers ta' reġistrazzjoni (inkluż aġġornamenti)	4500
Talbiet ta' kunfidenzjalità	250
Aċċess għal dejta iktar antika minn 12-il sena	120
Talbiet minn partijiet terzi	150
Notifiki PPORD	200
Mistoqsijiet	1800
Għadd ta' notifiki skont l-Artikolu 7(4)	40
Għadd ta' rapporti u notifiki skont l-Artikoli 38	45 000
Proposti ta' restrizzjoni (Anness XV)	10
Proposti għal klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati (Anness VI tar-Regolament tas-CLP)	90
Proposti għal identifikazzjoni bħala SVHC (Anness XV)	40
Dossier tal-SVHC żviluppat mill-ECHA	5
Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni	15
Talbiet għal isem alternattiv	20
<b>Deċiżjonijiet tal-ECHA fl-2011</b>	
Deċiżjonijiet fuq l-evalwazzjoni tad-dossier	500
- għadd ta' evalwazzjonijiet ta' dossiers mibdija	350
- għadd ta' evalwazzjonijiet imwettqa	280
- għadd ta' deċiżjonijiet ta' evalwazzjoni ta' dossiers	
Deċiżjonijiet fuq il-kondiviżjoni tad-dejta	75
Deċiżjonijiet fuq il-kontroll tas-sħuħija (negattiv, jiġifieri rifjut)	10
Deċiżjonijiet fuq ir-rilaxx ta' informazzjoni mitluba minn partijiet terzi	150
Deċiżjonijiet fuq talbiet ta' kunfidenzjalità	20

<sup>12</sup> Dawn il-figuri ma jinkludux il-ġarr minn sena għall-oħra li jirriżulta mill-iskadenza tal-2010 u pproċessati fl-2011.



(negattivi)	
Deċiżjonijiet fuq talbiet għal ismijiet alternattivi	20
<b>Appelli sottomessi fl-2011</b>	<b>40</b>
<b>Oñrajn</b>	
Mistoqsijiet li għandhom jitwieġbu/tweġibiet armonizzati (Parir dwar REACH, REACH-IT, IUCLID 5, oñrajn)	7 000
Kontrolli fuq SME imwettqa	250
Laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija	4
Laqgħat tal-MSA	6
Laqgħat tal-RAC	6
Laqgħat tas-SEAC	4
Laqgħat tal-Forum	2
Karigi ġodda tat-TA li għandhom jimtlew	30

**ANNEX 3: Allokazzjoni tar-riżorsi fl-2011**

Attivitajiet (Titlu III tal-Baġit)	Riżorsi Umani WP 2010			Baġit Finali 2010 (wara t- tieni emenda)	Riżorsi Umani 2011			Baġit 2011
	AD	AST	CA		AD	AST	CA	
In-numerar ta' hawn taħt jirreferi għall-WP 2011, mhux għan-numerar fil-baġit								
<b>Attivitajiet operattivi – Implimentazzjoni tal-Proċessi ta' REACH</b>								
<b>Attività 1: Reġistrazzjoni, kondivżjoni ta' dejta u tixrid</b>	40	12	8	932 879	34	11	7	1 151 289,00
<b>Attività 2: Evalwazzjoni</b>	62	9	1	95 001	81	13	2	440 198,00
<b>Attività 3: Awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet</b>	20	4	1	226 300	32	7	2	1 496 675,00
<b>Attività 4: Klassifikazzjoni u ttikkettjar</b>	14	3	2	50 150	13	3	2	230 258,00
<b>Attività 5: Parir u għajnuna permezz ta' gwida u helpdesk</b>	31	13	4	387 683	26	11	5	967 469,00
<b>Attività 6: Appoġġ tal-IT għal operazzjonijiet</b>	25	5		10 044 009	28	8	0	12 793 811,00
<b>Attività 7: Parir xjentifiku u tekniku lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE</b>	3	0		0	5	0	1	308 623,00
<b>Il-korpi tal-ECHA u attivitajiet ta' appoġġ</b>								
<b>Attività 8: Kumitati u Forum</b>	17	8	2	1 645 700	21	8	3	1 868 183,00
<b>Attività 9: Bord tal-Appell</b>	12	5	3	73 200	9	6	5	362 801,00
<b>Attività 10: Komunikazzjonijiet</b>	10	8	7	5 026 000	10	9	8	7 739 753,00
<b>Attività 11: Kooperazzjoni Internazzjonali</b>	8	4	0	556 560	4	0	0	777 845,00
<b>Amministrazzjoni, organizzazzjoni u riżorsi</b>								
<b>Attività 12: Amministrazzjoni</b>	21	14	3	1 550 302	24	14	3	1 603 095,00
<b>Total</b>	<b>263</b>	<b>85</b>	<b>31</b>	<b>20 587 784</b>	<b>287</b>	<b>90</b>	<b>38</b>	<b>29 740 000,00</b>
<b>Attivitajiet 13-15: Organizzazzjoni u riżorsi (Titlu II: Infrastruttura)</b>	25	53	21	11 481 281	24	55	28	15 587 000,00
<b>Titlu I (infiq fuq il-persunal)</b>				43 412 635				54 473 000,00
<b>Total</b>	<b>288</b>	<b>138</b>	<b>52</b>	<b>75 481 700</b>	<b>311</b>	<b>145</b>	<b>64</b>	<b>99 800 000,00</b>
<b>Fil-pjan ta' stabbiliment:</b>	<b>426</b>				<b>456</b>			
<b>Attività ġdida: PIC</b>								p.m.
<b>Attività ġdida: Bijoċidi</b>								p.m.

**ANNEX 4: Pjan tal-Akkwisti**

<b>Attività tal-WP</b>	<b>Attività sekundarja (jekk applikabbli)</b>	<b>Taqsim</b>	<b>Suġġett tal-Kuntratt</b>	<b>Baġit stmat f'EUR</b>	<b>Kanal tentattiv għall-akkwist</b>	<b>Data prevista għat-tnedija tal-akkwist</b>	<b>Data prevista għall-iffirmar tal-kuntratt</b>
1.0: Reġistrazzjoni, prereġistrazzjoni u kondiviżjoni tad-dejta	Appoġġ xjentifiku		Konsulenti dwar l-estrazzjoni tad-dejta minn sottomissjonijiet, prijoritizzazzjoni ta' fatturi u metodi, analiżi read-across; integrazzjoni tad-dejta għal attivitajiet SID & QSAR (analiżi tad-dejta) u implimentazzjoni tal-integrazzjoni tad-dejta (l-ewwel fażi) + programm CSA	775 000	FWC 2008/02 jew FWC ġdid	Q1-Q3	Q2-Q4
2.0: Evalwazzjoni	Appoġġ xjentifiku		Workshops dwar kwistjonijiet ambjentali u tas-saħħa tal-bniedem; rikjesti tas-servizz immirati lejn domandi speċifiċi koordinati mill-pjattaformi xjentifiċi u b'appoġġ tal-kompiti tal-Evalwazzjoni tad-Dossiers; Appoġġ għar-rappurtar tal-iżvilupp minn awtur xjentifiku professjonali	240 000	FWC 2008/02 jew FWC ġdid u proċeduri negozjati	Q1-Q4	Q1-Q4

Attività tal-WP	Attività sekundarja (jekk applikabli)	Taqsim	Suġġett tal-Kuntratt	Baġit stmat f'EUR	Kanal tentattiv għall-akkwist	Data prevista għat-tnedija tal-akkwist	Data prevista għall-iffirmar tal-kuntratt
3.0: Awtorizzazzjonijiet u restrizzjonijiet	3.1 Awtorizzazzjoni		Servizzi biex jappoġġjaw l-iżvilupp ta' dossiers tal-Anness XV għal SVHCs; biex jiġbru d-dejta għall-istabbiliment tal-prijoritajiet għall-awtorizzazzjoni, żvilupp tal-Metodoloġija SEA/żieda fil-bażi tal-konozzenza, Metodoloġija RMM/żieda fil-bażi tal-konozzenza; workshops u attivitajiet li jqajmu kuxjenza dwar l-awtorizzazzjoni	1 005 000	FWC 2008/02 jew FWC ġdid u proċeduri negozjati	Q1-Q3	Q2-Q4
3.0: Awtorizzazzjonijiet u restrizzjonijiet	3.2 Restrizzjonijiet		Servizzi li jappoġġjaw l-iżvilupp tal-proposti tar-restrizzjoni	250 000	FWC 2008/02 jew FWC ġdid	Q1-Q4	Q1-Q4
3.0: Awtorizzazzjonijiet u restrizzjonijiet	3.3 Trattament ta' applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni		Workshops u attivitajiet li jqajmu l-għarfien dwar l-awtorizzazzjoni	125 000	FWC 2008/02 jew FWC ġdid u proċeduri negozjati	Q1-Q2	Q2-Q3
4.0: Klassifikazzjoni u ttikkettar	4.2 Notifikazzjonijiet tas-C&L		Analiżi minn qabel tal-inventarju tas-C&L	70 000	FWC 2008/02 jew FWC ġdid	Q1-Q4	Q1-Q4
4.0: Klassifikazzjoni u ttikkettar	4.1 Trattament tal-proposta għal CLH		Servizzi biex jappoġġjaw rapporteurs tar-RAC u l-preparazzjoni tal-MSCA ta' dossiers ta' CLH għal pestiċidi	60 000	FWC 2008/02 jew FWC ġdid	Q2	Q3

Attività tal-WP	Attività sekundarja (jekk applikabli)	Taqsim	Suġġett tal-Kuntratt	Baġit stmat f'EUR	Kanal tentattiv għall-akkwist	Data prevista għat-tnedija tal-akkwist	Data prevista għall-iffirmar tal-kuntratt
5.0: Parir u assistenza permezz ta' gwida u ħelpdesk	5.3 Gwida		CLP – Karti ta' Dejta dwar is-Sikurezza u xenarji ta' espożizzjoni għal taħlit (formulaturi, DPD+); Sustanzi fl-Oġġetti: strateġiji għal SVHCs fl-oġġetti, rakkomandazzjonijiet għall-awtoritajiet	220 000	FWC 2008/02 jew FWC ġdid u proċeduri negozjati	Q1-Q2	Q2-Q4
6.0: Appoġġ tal-IT għall-operazzjonijiet	Konsultazzjonijiet tal-IT		Konsulenti tal-IT biex jappoġġaw proġetti operattivi (REACH-IT, IUCLID, ECM, Chesar, Casper, Odyssey u RIPE)	6 205 000	FWC 2009/39 u FWC 2009/40	Q1-Q4	Q1-Q4
6.0: Appoġġ tal-IT għall-operazzjonijiet	Sikurezza tal-IT		Rinnovazzjoni ta' DC1 u DC 2	200 000	Proċeduri negozjati	Q1-Q2	Q3-Q4
6.0: Appoġġ tal-IT għall-operazzjonijiet	Ospitar tal-applikazzjonijiet tal-IT		Ospitar esternalizzat għal Pjan ta' Negozju Sekondarju, Portal globali, l-applikazzjonijiet l-oħrajn kollha	20 000 000	Proċedura negozjata	Q1	Q3-Q4
6.0: Appoġġ tal-IT għall-operazzjonijiet	Tagħmir tal-ICT		Xiri mixxellanju ta' HW u SW u telekomunikazzjoni	791 500	FWC DIGIT/HANSEL	Q1-Q4	Q1-Q4
6.0: Appoġġ tal-IT għall-operazzjonijiet	Inkjesta		Liċenzji, aġġornament u manutenzjoni ta' softwer xjentifiku (ACD, ChemFolder, NMR Predictor suite)	60 000	Proċeduri negozjati	Q1	Q1
6.0: Appoġġ tal-IT għall-operazzjonijiet	QSAR/Tbassir		Liċenzji, aġġornament u manutenzjoni ta' softwer xjentifiku (ACD, Lhasa, Topkat, Sparc )	340 000	Proċeduri negozjati	Q1-Q4	Q1-Q4

Attività tal-WP	Attività sekundarja (jekk applikabli)	Taqsim	Suġġett tal-Kuntratt	Baġit stmat f'EUR	Kanal tentattiv għall-akkwist	Data prevista għat-tnedija tal-akkwist	Data prevista għall-iffirmar tal-kuntratt
10.0: Komunikazzjoni	10.2 Komunikazzjonijiet diġitali		Żvilupp tal-Websajt u l-Intranet	900 000	FWC 2010/124	Q1	Q1
10.0: Komunikazzjoni	10.2 Komunikazzjonijiet diġitali		Servizzi awdjoviżivi	150 000	FWC 2010/64	Q1	Q3
10.0: Komunikazzjoni	10.3 Komunikazzjoni Interna		Verifika esterna, konferenza tal-persunal kollu mhux fuq is-sit	75 000	Proċeduri negozjati	Q1	Q3
10.0: Komunikazzjoni	10.4 Komunikazzjoni Esterna		Identità korporattiva, sfharriġ, kampanji, materjal promozzjonali, ipprintjar u għodda ta' pubblikazzjoni	736 300	FWC 2010/66, FWC 2010/20 u Hansel	Q1-Q2	Q3-Q4
10.0: Komunikazzjoni	10.5 Ġestjoni tal-midja		Proġett ta' monitoraġġ tal-midja	250 000	FWC 2010/20	Q1	Q1
10.0: Komunikazzjoni	10.6 Impenn tal-Partijiet Interessati		Ġranet tal-Partijiet Interessati u sfharriġ tal-Partijiet Interessati	120 000	Hansel u proċedura negozjata	Q1	Q3
11.0: Relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet tal-UE u kooperazzjoni internazzjonali	11.1 Koordinazzjoni tar-Relazzjonijiet Internazzjonali		Żvilupp ulterjuri u manutenzjoni ta' IUCLID	200 000	FWC 2009/39	Q1	Q2
12.0: Ġestjoni	12.5 Ġestjoni tal-Kwalità		Produzzjoni ta' dokumentazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità:	660 000	FWC 2010/93	Q2	Q2
12.0: Ġestjoni	12.6 Ġestjoni tas-Sikurezza		Konsulenza u korsijiet ta' ċertifikazzjoni tal-web dwar is-sikurezza	110 000	FWC 2010/93	Q3	Q3

Attività tal-WP	Attività sekundarja (jekk applikabli)	Taqsim	Suġġett tal-Kuntratt	Baġit stmat f'EUR	Kanal tentattiv għall-akkwist	Data prevista għat-tnedija tal-akkwist	Data prevista għall-iffirmar tal-kuntratt
12.0: Ġestjoni	12.12 Ippjanar, monitoraġġ u rappurtar		Konsulenza (inkluż l-ispeċifikazzjoni għal sistema PM)	66 000	FWC 2010/93	Q3	Q3
12.0: Ġestjoni	12.5, 12.7 u 12.12		Tagħmir tal-ICT (Softwer u manutenzjoni)	208 000	FWC DIGIT	Q1-Q3	Q1-Q4
12.0: Ġestjoni	12.7. Ġestjoni tal-Infommazzjoni		L-iżvilupp tal-ġestjoni tal-kuntatt (COMA) fi-ECHA	60 000	FWC 2009/40	Q1	Q2
14.0: Riżorsi umani u infrastruttura	14.0		Appoġġ espert dwar kwistjonijiet tal-IPR	100 000	Akkwist konġunt minn JRC	Q1	Q1
14.0: Riżorsi umani u infrastruttura	14.0		Servizzi legali	386 000	Proċedura negozjata jew CEI	Q1	Q1
15.0: Informatika u teknoloġija tal-komunikazzjoni	Konsultazzjonijiet		Konsulenti tal-IT għal servizzi rikorrenti	1 500 000	FWC 2009/39 u FWC 2009/40	Q1-Q4	Q1-Q4
15.0: Informatika u teknoloġija tal-komunikazzjoni	Tagħmir tal-ICT		Xiri mixxellanju ta' HW u SW u tagħmir ta' telekomunikazzjoni	2 250 000,00	FWC DIGIT/ HANSEL	Q1-Q4	Q1-Q4

**European Chemicals Agency**  
P.O. Box 400, FI-00121 Helsinki  
<http://echa.europa.eu>